NEWSPAPER POST



# IL-BELT VICTORIA

Pubblikazzjoni bimensili tal-bażilika protoparrokkjali ta' San Ġorġ | Għawdex

SETTEMBRU – OTTUBRU 2010

Nru 176

# IX-XOGĦOL MIEXI!

## *Il-bini tal-Mużew sa fl-aħħar beda...*

jirrapporta Antoine Vassallo

Wara ħafna taqtigħ il-qalb, is-sît issa ħa sura ġdida; kull min jiġi f'dawn l-inħawi bilfors intebaħ! Għalkemm għamilna ħilitna, l-inkonvenjenzi ma setgħux jiġu eliminati għal kollox, iżda sibna koperazzjoni sabiħa. L-intoppi ma naqsux; iddeskrivejthom fil-programm ta' kull nhar ta' Tlieta fuq *Leħen il-Belt Victoria.* Issa ninsew id-diffikultajiet u nħarsu 'l quddiem! Insemmi biss, bla ma rrid ninjora lil ħadd, il-kollaborazzjoni tas-Sindku u l-Kunsill Lokali, u ta' xi persuni Maltin li, għax japprezzaw dawn l-isforzi tagħna, tawna daqqa t'id essenzjali.

L-aspett strutturali – ibda mit-tħaffir u spiċċa fil-konkrit – ħa r-ritmu li xtaqna, u għadna bil-mira li l-bini jintemm qabel l-aħħar tas-sena. M'iniex ikkwalifikat biex niddeskrivi dan it-tip ta' xogħol; tibżgħux tittawlu! Il-lum xtaqt nikteb xi ħaġa fuq aspett essenzjali ieħor; anzi, fil-każ partikulari tagħna, nissogra ngħid, iktar importanti. Diġà spjegajt li l-viżjoni tal-proġett tagħna m'hix li noħolqu mużew "tradizzjonali" bi xkaffi u vetrini mimlija bl-

...jissokta f'paġna 19





## Tislima lil Dun Nikol

*paġni speċjali f'għeluq l-għaxar snin minn mewtu*



» ara

Il-Librar
L-Università ta' Malta –
Junior College
Pjazza Ġużè Debono
L-Imsida MSD 1252
Malta




## 60 sena

*Leġjun ta' Ma[...]*
*f'Għawdex*

» ara paġni 16-17



# Editorjal

UFFIĊĊJU EDITORJALI
Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ Triq il-Karità Victoria VCT 1200, Għawdex
tel: 2155 6377, fax: 2155 6981 email: info@ilbeltvictoria.org
web: www.stgeorge.org.mt radio: 104.00MHz FM Stereo

## Xi rridu nagħmlu mill-parroċċa tagħna?

Il-parroċċa tagħna minn dejjem kienet il-fulkru ta' gzuz ta' nies li jsibu f'din l-għajn dejjem ħajja t-tweġiba għall-għatx tagħhom. Imma barra li stagħniet għax isimha hu kbir u mifrux ma' l-Għawdxin kollha, il-parroċċa tagħna għoliet għax kien hemm minn uliedha li stinkaw biex ikomplu jibnu fuq dak li sabu u kienu għorrief biżżejjed biex ħarsu fil-bogħod, ħasbu fi proġetti ġodda u bnew viżjoni. F'din il-ħarġa qed infakkru wieħed minn dawn l-ulied ħabrieka, il-Kan. Nikol Vella Apap, li ma qagħadx b'idejh fuq żaqqu imma stinka kemm felaħ biex ikabbar isem San Ġorġ, u għalhekk jixraqlu li nsellmulu bħala iben denn tiegħu!

Sa mit-tnissil tagħha, li jmur lura bosta sekli, il-parroċċa ta' San Ġorġ dejjem ħadmet biex l-ulied tagħha, fir-Rabat u f'Għawdex kollu, ikollhom l-aqwa servizz pastorali. Min jaf kemm Insara ta' pajjiżna rifsu l-għatba tal-bieb prinċipali tagħha u rċivew mill-altar tagħha s-sagramenti li jimmarkaw il-mixja sħiħa tal-ħajja Kristjana! Tassew li din is-sena qed infakkru l-ħamsin anniversarju mit-twaqqif ta' l-altar maġġur li għandna l-lum fil-bażilika, imma l-istorja tgħallimna biżżejjed li s-servizz parrokkjali li ilu jagħti San Ġorġ m'għandux ħamsin jew sittin sena biss! Ilha wisq aktar din il-knisja tara n-nies ġo fiha... U ċ-ċensiment riċenti ta' l-2008 ikkonferma, jekk qatt kien hemm bżonn, li l-parroċċa tagħna hi l-aktar popolari fid-djoċesi Għawdxija. Hu isem li jagħmlilna unur u jimlina bir-responsabbiltà li ma tbeżżagħniex imma tisfidana nkunu aħjar.

Inkunu aħjar tabilħaqq jekk fil-parroċċa, kull min jinvolvi ruħu, mill-kbir saż-żgħir, isaqsi lilu nnifsu xi jrid jagħmel mill-parroċċa tiegħu! Niftakru li s-suċċess ta' San Ġorġ dejjem kienu l-lajċi ħabrieka. Imma anki s-saċerdoti għandhom iħossuh dmir tagħhom li ma jmorrux imewtu, b'xi traskuraġni pastorali, l-istess ħeġġa tal-fidili li jżommu l-komunità parrokkjali ħajja u attiva, b'laqgħat ta' formazzjoni għal kull kategorija li huma l-qafas tal-ħidma pastorali fil-parroċċa, kif ukoll billi jissodaw l-istrutturi amministrattivi li fuqhom tinbena kull istituzzjoni. Il-kura ta' l-erwieħ qatt ma tista' tkun biżżejjed!

Imma l-parroċċa, minn barra l-impenn biex isaħħaħ l-istruttura pastorali tagħha, trid tfittex li tħares ukoll l-istruttura "fiżika" li fuqha sserraħ; m'hemmx parroċċa mingħajr knisja parrokkjali! Fil-btajjel tas-Sajf li għaddew, għal ħafna sempliċiment motiv ta' mistrieħ minn kollox, grupp żgħir imma determinat ta' voluntiera fi ħdan l-uffiċċju parrokkjali ħadmu biex jiġbru flus ħalli jinxtraw skrin u *projector*. Dan hu ġest żgħir imma sinifikanti, li għandu jħajjar lil tant oħrajn biex iqumu mill-apatija li sfortunatament qed taħkimna u jirsistu biex jagħmlu xi ħaġa għall-parroċċa, xi ħaġa għal San Ġorġ! Kull ma jmur il-parroċċa tagħna qed tħoss il-bżonn li tkun aktar attrezzata biex tilqa' għall-isfidi l-ġodda ta' żmienna, u dan ma tistax tagħmlu jekk qabel ma jkollhiex saċerdoti u lajċi attivi u dinamiċi, li għandhom l-interess tagħha qabel kull ħsieb ieħor... Il-karità tibda mid-dar!

### KRONAKA PARROKKJALI

*Membri ġodda fil-komunità parrokkjali*

17/08/2010 **Lara Marie**, bint Steve Ellis u Laura Cauchi
05/09/2010 **Mariette**, bint Joanne Mejlak u Francis Cauchi
11/09/2010 **Owen**, bin Francienne Attard u Stephen Cauchi
25/09/2010 **Chanel**, bint Tania Georgette Gauci u Paulivan Formosa
09/10/2010 **Mirei**, bint George Vella u Simone Cassar
10/10/2010 **David**, bin Franco Magrin u Jaclyn Anne Attard

*Ingħaqdu fis-sagrament taż-Żwieġ*

21/08/2010 **Mariella Camilleri u Edwin Ciantar**
28/08/2010 **Samara Grech u William Axiak**
18/09/2010 **Marisabelle Debono u Gary Rotin**

*Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt*

06/08/2010 **Ġuża Farrugia**
21/08/2010 **Emanuela Grima**
24/08/2010 **Anton Attard**
05/10/2010 **Dolora Refalo**
14/10/2010 **Charles Mifsud**

**Grazzi ta' l-għajnuna tagħkom**
Anthony Mercieca (il-Kanada) – €20
Fabian Mangion (Senglea) – €5

Il-Belt Victoria hi l-pubblikazzjoni maħruġa kull xahrejn mill-bażilika protoparrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa ma' l-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva ta' l-arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand *A&M Print*, il-Qala, Għawdex.



BORD EDITORJALI
Francesco Pio Attard, Andrew Formosa, Neville Galea, George Francis Vella, Antoine Vassallo.
Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-bord editorjali.

FOTOGRAFIJA
Joe Attard, Teddy Attard, Dr Michael J. Camilleri, Mario Casha, Andrew Formosa, Ivan Galea, Tonio Schembri, Mons. Felix Tabone, Joseph J.P. Zammit

# *L-Għanja tas-Sur*

Sirt ħerba. Fejn dari kont triegħed
lit-Torok bil-qawwa ta' ħarstek;
l-għedewwa kont tkexkex u tbiegħed,
jekk terfa' kont leħnek.

Bħal warda ħaddejk kienu jħammru,
u fommok kien ħelu bħall-għasel,
sbieħ bħalek id-djar kienu jtammru
bis-seħer ta' dehnek.

Nies tajtna ta' ħila, qalbiena,
nies għarfa, ta' xeħta, għaqlija,
li ħaddmet idejha u lsienha
għal ġieħha u għal ġieħek.

Dawk għabu. Ġiet flokhom il-kokka,
biex tgħanni fil-ljieli Sajfija
il-għafja ta' mewtek u ddoqqha
mal-karba ta' ġrieħek.

Kull lejla mad-dija tal-qamar
din toħroġ bħal vleġġa tittajjar,
b'għajnejha jaħarqu bħal ġamar,
mill-moħba ta' bejtha.

Qalb l-għadam, bil-għali mifnija,
titbekka, tmur tfittex lil niesek,
daqs'kieku Kassandra għaqlija,
fuq l-oqbra tal-mejta.

U int nieżel sa' ttant, nieżel dejjem,
titgezzez bħal għamra ta' ħerba
fuq ħerba li tkexkex sa l-bhejjem,
fejn dari kburitek!

U int nieżel, mingħajr ma titkellem...
X'titkellem! Jitkellem min tridu,
jekk rajtha lil niesek issellem
'l min ħadlek sbuħitek?

Għamluha mal-ġifa, fi xkora,
fuq dah'rhom għabbew irġulithom,
u telqu fuq l-iġfna barklora
jgħajtu 'l xjuħitek.

Ħa tibki Kassandra għaqlija
fuq l-oqbra tal-mejta li tqabdu
għall-art li rabbiethom għaliha
biex ħarsu xbubitek!

NB. *Hoc equiti Edgardo commandæ inumete inneto offert qui vertit gaulica scripta manu.*

**Mons. Ġużeppi Farrugia Gioioso** (1887–1969)
1957

**Ħajr** lis-Sur Frank Mercieca li għaddielna din il-poeżija.

## *Nifirħu lil...*

- Dr Reuben Grech MD, MRCS(Ed), FRCR(UK), mill-parroċċa tagħna, li f'Ottubru 2010, fl-età ta' 29 sena, inħatar *Fellow* tar-*Royal College of Radiologists* ta' l-Ingilterra. B'hekk issa hu Radjologu (speċjalista ta' l-*X-Rays*). Dr Grech jaħdem fit-Taqsima tar-Radjoloġija ta' l-Isptar *Mater Dei*.
- Il-Prof. Joseph Vella, *maestro di cappella* tal-Bażilika ta' San Ġorġ u surmast direttur tal-Banda Ċittadina *La Stella*; Pawlu Mizzi, storiku mill-parroċċa tagħna; u Daniel Cilia, li wkoll għandu rabtiet mal-parroċċa ta' San Ġorġ; li nhar is-Sibt 23 ta' Ottubru 2010 ingħataw *Ġieħ Għawdex* mill-E.T. Dr George Abela, President tar-Repubblika ta' Malta, f'ċerimonja organizzata miċ-*Circolo Gozitano*.

## *Insellmu lil...*

- Il-vittmi tat-traġedja ta' l-isplużjoni tal-kamra tan-nar *Farrugia Fireworks*, li seħħet fl-Gharb nhar il-Ħadd 5 ta' Settembru 2010, fil-għaxija, bosta minnhom ħbieb tal-komunità parrokkjali Ġorġjana, li għal bosta snin ħadmu nar mill-isbaħ għall-festa titulari ta' San Ġorġ.
- Sr Luisetta (Doris) Scicluna, soru tal-Kongregazzjoni tal-Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, oħt il-mibkija Kan. Ġwann u Patri Tumas Scicluna OFM, li mietet nhar l-Erbgħa 20 ta' Ottubru 2010, fl-età ta' 78 sena.



Sr Luisetta tbus ir-relikwa insinji ta' San Ġorġ meta din inġabet minn Ruma għaċ-ċentinarju ta' l-2003.

Bi żvista, fil-ħarġa preċedenti Anthony Grech, Johann Cardona Schranz u John Cordina ma ġewx murija bħala l-awturi tar-ritratti li dehru f'paġni 4, 5 (fuq) u 21 rispettivament. Waqt li jesprimi dispjaċir għal kull inkonvenjent li seta' rriżulta, il-bord editorjali jtenni r-ringrazzjament lil tant li jipprovdu ritratti u **illustrazzjonijiet minn ħarġa għal oħra.**



# "Altare Christus est"

## L-altar: il-post tas-sagrifiċċju, ta' l-ikla u tal-ħajja qaddisa

**Dun Richard Nazzareno Farrugia bit-tieni minn żewġ artikli fuq is-sens teoloġiku ta' l-altar, fl-okkażjoni tal-ħamsin sena mill-konsagrazzjoni ta' l-altar maġġur il-ġdid tal-Bażilika Ġorġjana**

**Ir-rabta ta' l-altar mal-martri**

Flimkien ma' dan li għidna ma nistgħux ninsew aspett essenzjali fl-istorja u fis-sinifikat ta' l-altar tal-Patt il-Ġdid: ir-rabta ta' l-altar mal-martirju u l-martri. Kristu hu l-martri *per eccellenza*, ix-"Xhud fidil" (Apok 1:5), dak li xerred demmu darba għal dejjem b'fidwa għall-kotra. Fl-aħħar ktieb tal-Bibbja naqraw li jiġi mressaq lejn l-altar il-qtil tax-xhieda martri. L-erwieħ tal-martri "li kienu qatluhom minħabba l-Kelma ta' Alla" jitkellmu minn *taħt* l-altar u jsejħu lill-Mulej sabiex jagħmel ħaqq u jitħallas ta' demmhom (Apok 6:9). Hawn insibu, biex ngħidu hekk, il-fundament Bibliku għall-użanza li jitqiegħdu relikwi tal-martri ġo l-altar jew taħtu meta dan jiġi kkonsagrat. Biss tkun ħaġa xierqa nidħlu ftit fl-istorja biex nifhmu aktar din ir-rabta bejn l-altar tas-sagrifiċċju ta' Kristu u r-relikwi tal-martri li ssagrifikaw ħajjithom għal Kristu.

L-ewwel altari tal-ġebla li fuqhom il-Kristjani ċċelebraw l-Ewkaristija kienu x'aktarx l-oqbra tal-martri: il-ġisem ta' Kristu kien jiġi kkonsagrat fuq il-ġebla li kienet tgħatti l-fdalijiet tax-xhud imdemmi tiegħu. San Massimu ta' Turin (seklu erbgħa) jgħid li dawk li ngħaqdu ma' Kristu fil-Passjoni tiegħu, jingħaqdu flimkien miegħu fl-istess imkien tas-sagrifiċċju: *"Ut quos cum Christo unius passionis causa devinxerat, unius etiam loci religio copularet"* (*Sermo* LXXVII). Minn studji li saru jidher li kien jintgħażel qabar prinċipali fost l-oqbra tal-martri u fuqu kienet tiġi ċċelebrata l-Ewkaristija. Hekk fil-Katakombi ta' Prixxilla (Ruma) insibu l-hekk imsejħa *Cappella greca* fejn fuq navata minnhom insibu l-pittura tal-*qsim tal-ħobż* bix-xena ta' ikla. Hawn insibu wkoll qabar ċentrali u kollox iwassalna għall-konklużjoni li fuq dan il-qabar kien jiġi iċċelebrat is-sagrifiċċju tal-Quddiesa u li l-għatu li kien jgħatti l-qabar kien iservi fl-istess ħin ta' *mensa* għall-altar. Tajjeb ngħidu wkoll li fost il-Kristjani kien hemm l-użanza li fiċ-ċimiterji – minbarra fi żmien ta' persekuzzjoni – jiċċelebraw id-*dies natalis* tal-martri, il-funerali u l-anniversarji mill-mewt tal-fidili. Din id-drawwa hi ħafna qadima tant li l-*Martyrium Polycarpi* (Smirna, 155 wK) jgħid li l-Kristjani kienu jħobbu jinġabru madwar l-oqbra tal-martri u hemm joffru l-Ewkaristija. Kien imbagħad il-Papa Damasu (366-384 wK) li ħa ħsieb jirrestawra l-katakombi hekk li l-kappelel tagħhom ġew irranġati b'tali mod li jkollhom ftit mis-sbuħija u d-dehra tal-knejjes li kienu qed jiġu mibnija fuq l-art. Ir-rabta bejn is-sagrifiċċju tal-Kalvarju u dak tal-martri nsibuha espressa fil-versi li Prudenzju (348-wara 405 wK) jikteb fuq l-altar u l-qabar tal-martri Ippollitu: "L-istess mejda tagħti l-ikel sagramentali u tgħatti l-għadam tal-martri; hi tħares il-fdalijiet imqaddsa fl-istennija ta' l-Imħallef sovran u trejjaq bil-laħam tas-Sema lir-residenti tat-Tiberju" (*Peristeph.*, h. XI).

Meta bl-editt ta' l-Imperatur Kostantinu ġiet il-paċi għall-Knisja bdew jinbnew il-knejjes fuq l-oqbra ta' xi martri importanti. L-altar mibni fil-knisja kien jikkorrispondi għall-qabar li kien hemm taħtu fil-kripta. Dawn l-altari ġew imsejħa *"confessio"*, *"martyrium"*, *"memoria"*. L-altari tal-Konfessjoni tal-Bażilika ta' San Paolo Fouri Le Mura f'Ruma u tal-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan baqgħu dejjem iżommu l-istess post tul is-sekli. Kienet xewqa tal-Kristjani li l-bażiliċi tagħhom jilqgħu fihom il-fdalijiet tal-konfessuri tal-fidi. Għaldaqstant il-fdalijiet tal-martri bdew jitqiegħdu ġo speċi ta' tieqa *mħaffra* ġo l-altar imsejħa *"fenesella confessionis"* jew f'xi mkien ieħor ġewwa l-altar. Fejn ma kienx possibbli li wieħed jikseb il-fdalijiet tal-martri, kienu jqiegħdu l-*"brandea"* jew tessut li jkun mess mal-qabar ta' xi martri. Saħansitra x-xewqa li l-altar ikollu fih il-fdalijiet tal-martri wassal għal xi każijiet illi, fejn lanqas ma kien possibbli li jiksbu dawn il-*"brandea"* jew inkella dawn ma kinux ikunu sodisfaċenti għall-poplu, kienu jqiegħdu ġol-kustodja (li kienet titpoġġa ġo l-altar) xi biċċiet ta' l-Evanġelju jew saħansitra xi ostji kkonsagrati; dawn huma każijiet rari ħafna.

Naraw għalhekk li t-tqegħid tal-fdalijiet tal-martri ġo l-altar huwa prassi antika ħafna li ġġorr sens teoloġiku profond fit-tisħib tad-demm tal-martri mad-demm tal-Feddej. Hu sabiħ u f'postu l-ħsieb teoloġiku-liturġiku li jagħtina Sant'Ambroġ ta' Milan (c. 339-397 wK) meta jgħid: *"Succedant victimæ triumphales in locum ubi Christus est hostia. Sed ille super altare qui pro omnibus passus est, isti sub altari qui illius redempti sunt passione"* (*Epistula* LXXVII, 13) – "Jersqu dawn il-vittmi trijonfali biex isibu posthom fil-post fejn Kristu joffri lilu nnifsu bħala vittma. Hu – iżda – jinsab fuq l-altar, għax bata għal kulħadd; dawn, mifdija mill-passjoni tiegħu, sa jiġu mqiegħda taħt l-altar".



Il-*Fractio Panis* fil-Katakombi ta' Prixxilla (Ruma).



L-altar-mejda tal-knisja parrokkjali ta' San Lawrenz, Għawdex, disinn ta' Michael Camilleri Cauchi, skulturat minn Ronnie Pisani u ddedikat mill-E.T. Mons. Isqof Nikol G. Cauchi nhar is-7 ta' Mejju 1993. (Ħajr: Uffiċċju Parrokkjali San Lawrenz, Għawdex)

Minn hawn naraw li m'humiex il-martri li jagħtu dinjità u ġieħ lill-altar, imma hu l-altar, bħala l-mejda tal-Mulej, li jagħti ġieħ lill-martri. Anki jekk l-altari niddedikawhom lil xi qaddis partikulari, huma dejjem iddedikati lil Alla għax lilu waħdu jiġi offrut is-sagrifiċċju Ewkaristiku. Bħalma jgħallem Santu Wistin (354-430 wK): "Mhux lill-martri imma lil Alla tal-martri niddedikaw l-altari, anki jekk dan nagħmluh fit-tifkira tal-martri" (*Contra Fausto*, XX, 21). It-tqegħid tal-fdalijiet tal-martri ġewwa jew taħt l-altar mhux biss iweġġaħ lil dawn il-konfessuri tal-fidi, imma wkoll jurina li s-sagrifiċċju tagħhom jibda u jikseb is-sinifikat tiegħu mis-sagrifiċċju tar-Ras *"de quo martyrium sumpsit omne principium"* (Talba fuq l-Offerti, Komun tal-Martri). Fi ftit kliem ir-relikwi tal-martri u tal-qaddisin li jitqiegħdu fl-altar juru l-għaqda ma' l-uniku sagrifiċċju tal-Knisja kollha ta' Kristu li tistqarr u tagħti xhieda, jekk hemm bżonn saħansitra bit-tixrid tad-demm, tal-fedeltà li għandha lejn l-Għarus u l-Mulej tagħha.

### Aħna "altari spiritwali"

L-altar allura m'huwiex sempliċiment parti mill-għamara jew arkitettura tal-knisja. Minħabba li huwa figura ta' Kristu saċerdot, vittma u altar, għandu jkun f'post ċentrali u magħmul u mżejjen b'mod li jagħti qima u jesprimi r-riverenza tal-poplu Kristjan lejn is-sagrifiċċju dejjiemi tal-Feddej tagħna Sidna Ġesù Kristu. Il-preżenza tal-fdalijiet tal-martri ġewwa l-altar ifakkruna li dan is-sagrifiċċju dejjiemi u sħiħ li Ġesù offra fuq il-Kalvarju jmantnina bil-Ġisem u d-Demm tal-Feddej sabiex aħna wkoll insiru sagrifiċċju ħaj li jogħġob lil Alla aħna u nistennewh sa ma jiġi fil-glorja. L-Appostlu Missierna San Pawl jikteb lill-Kristjani: "Nitlobkom, ħuti, għall-ħniena ta' Alla, offru ġisimkom b'sagrifiċċju ħaj, qaddis, jogħġob lil Alla, jiġifieri l-qima spiritwali tagħkom" (Rum 12:1). Il-Kristjan għandu joffri ħajtu bħala offerta li togħġob lil Alla b'imġibtu, bil-fidi tiegħu (Fil 2:17) u bid-doni li għandu (Fil 4:18), u joffri "sagrifiċċji spiritwali li jogħġbu 'l Alla permezz ta' Ġesù Kristu" (1 Pt 2:5). Jekk *"altare Christus est"*, anki d-dixxipli tiegħu huma altari spiritwali li fuqhom jiġi offrut lil Alla s-sagrifiċċju ta' ħajja qaddisa. Dan l-aspett diġà nsibuh fil-Missirijiet tal-Knisja, bħal fit-talba sabiħa li jagħmel Sant'Injazju ta' Antjokja († c. 107-110): "Dan biss nitlobkom għalija: ħalluni nkun issagrifikat lil Alla, sakemm għad hemm l-altar imħejji" (*Ad Romanos*, II,1). San Girgor il-Kbir (c. 540-604) jgħid: "X'inhu l-altar ta' Alla jekk mhux ir-ruħ ta' dawk li jgħixu ħajja qaddisa?... Bid-dritt kollu, għalhekk, il-qalb tal-ġusti tiġi msejħa l-altar ta' Alla" (*Homiliarium in Ezechielem*, II, 10, 19).

Ħa jkun għalhekk dan l-anniversarju tad-deheb ta' l-altar tal-Bażilika Ġorġjana *okkażjoni* biex inkomplu nimpenjaw ruħna għaċ-ċelebrazzjoni xierqa tas-sagrifiċċju tal-Mulej u fir-rispett tan-normi liturġiċi nikkuraw bl-ikbar reqqa dak kollu li jmiss u jżejjen l-altar; *opportunità* biex nedukaw lilna nfusna u lil uliedna biex kull meta ngħaddu minn quddiem l-altar – anki jekk m'hemmx Quddiesa – insellmulu bir-riverenza (bħalma jista' ikun l-inkin bir-ras meta wieħed jgħaddi minn quddiemu) u l-qima li tixraqlu; u *stedina* biex bl-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu – li mhux ta' b'xejn "idellel" fuq l-altar permezz tal-baldakkin (ara Lq 1:35) – u għat-talb u bl-interċessjoni tal-martri – b'mod partikulari tal-Patrun tagħna San Ġorġ – aħna wkoll insiru *altari spiritwali* li noffru ħajjitna permezz tat-talb, l-imġiba, il-fidi u l-imħabba tagħna, u hekk inkunu bħal inċens ifuħ li jitla' lejn is-Sema u jogħġob lil Alla u ġebel ħaj li bih Kristu jibni l-altar tal-Knisja tiegħu sa ma jiġi.

### Biblijografija


CABROL Dom Fernand (Ed.), *Dictionnaire d'Archéologie Chrétienne et de la liturgie*, I-II (Amende-Azymez), Paris 1907.

CENTRO AZIONE LITURGICA, *Enchiridion Liturgico. Tutti i testi fondamentali della Liturgia tradotti, annotati e attualizzati*, Casale Monferrato 1989.

CHUPUNGO Anscar J., *Scientia Liturgica. Manuale di Liturgia. V/ Tempo e spazio Liturgico*, Casale Monferrato 1998.

LÉON-DUFOUR Xavier, *Dictionnaire du Nouveau Testament*, Paris 1975.

RYKEN Leland–WILHOIT James C.–LONGMAN III Tremper, *Le immagini bibliche. Simboli, figure retoriche e temi letterari della Bibbia*, edizione italiana a cura di Marco Zappella, Cinisello Balsamo 2006.


Dun **Richard Nazzareno Farrugia** hu saċerdot mill-parroċċa tax-Xagħra, Għawdex, u bħalissa jinsab Ruma jkompli l-istudji tiegħu fit-Teoloġija Morali fl-*Accademia Alfonsiana*.

### LISTA TA' ALTARI MSEMMIJA FIL-BIBBJA

- mibni minn Noè – Ġen 8:20;
- mibni minn Abraham f'Mariah Hebron u Shechem – Ġen 12:7-8; 13:18; 22:2;
- mibni minn Iżakk – Ġen 26:1-25;
- mibni minn Ġakobb f'Bethel u Shechem – Ġen 33:20; 35:1-7;
- mibni minn Mosè – Eż 17:15;
- mibni minn Balak – Num 23:1; 4:14;
- mibni minn Ġożwè – Ġoż 8:30;
- mibni mit-tribujiet Lhud li kienu qed jgħixu fil-lvant tal-Ġordan – Ġoż 22:10;
- mibni minn Gideon – Mħalf 6:24;
- mibni minn Manoah – Mħalf 13:20;
- mibni minn Israel – Mħalf 21:4;
- mibni minn Samwel – 1 Sam 7:15; 17;
- mibni minn Sawl – 1 Sam 14:35;
- mibni minn David – 2 Sam 24:25;
- mibni minn Ġerobogħam – 1 Slat 12:32;
- mibni minn Aħab – 1 Slat 16:32;
- mibni minn Elija – 1 Slat 18:31;
- mibni minn Urija – 2 Slat 16:11;
- mibni minn Manassi – 2 Slat 21:1-3;
- mibni minn Żerubbabel – Eżra 3:2.




# Il-Beatu Kardinal John Henry Newman

## Rabtietu mal-Knisja Kattolika, ma' Malta u ma' San Ġorġ

Dun Geoffrey George Attard

**Nhar il-Ħadd 19 ta' Settembru 2010, f'Cofton Park, f'Birmingham, l-Ingilterra, mhux bogħod wisq miċ-ċimiterju ta' Rednal fejn għal bosta snin kienu jistrieħu l-fdalijiet tal-Kardinal John Henry Newman, il-Papa Benedittu XVI żied mal-lista tal-beati tal-Knisja Kattolika l-isem ta' dan it-teologu u ħassieb magħruf Ingliż, li bil-ħsieb u bil-kitba tiegħu influwenza l-iżvilupp tat-teoloġija Kattolika u ġibed lejn il-Knisja Kattolika eluf ta' Anglikani u Protestanti minn madwar id-dinja kollha. Din li ġejja hija ħarsa ħafifa lejn ħajtu.**

John Henry Newman twieled nhar il-21 ta' Frar 1801 f'Old Broad Street, Londra, l-akbar fost sitt ulied. Tgħammed nhar id-9 ta' April fil-knisja ta' St Benet Fink f'Londra. Fl-1801 daħal fl-iskola ta' Ealing u, kif jistqarr hu stess, bejn l-1 ta' Awwissu u l-21 ta' Diċembru ta' dik is-sena hu għadda mill-ewwel konverżjoni billi ħass ġibda qawwija lejn ir-riflessjoni teoloġika. Fit-8 ta' Ġunju 1817 beda jgħix fi *Trinity College* f'Oxford, u fit-30 ta' Novembru rċieva l-ewwel tqarbina fi ħdan il-Knisja Anglikana. Fl-1818 laħaq skular tal-Kulleġġ. Fil-11 ta' Jannar 1822 iddeċieda li jrid isir qassis u fit-12 ta' April ta' dik is-sena laħaq *Fellow* ta' *Oriel College*. Ordna djaknu nhar it-13 ta' Ġunju 1824 u qassis nhar id-29 ta' Mejju 1825 fil-katidral ta' Christ Church f'Oxford. Fi Frar 1828 laħaq vigarju tal-knisja ta' St Mary's fi ħdan l-Università. Kien matul din is-sena li beda l-qari sistematiku tas-Santi Padri. Fl-1832 beda l-vjaġġ tal-Mediterran, akkumpanjat minn H. Froude u minn missier Froude. Fis-16 ta' Ġunju 1833 kiteb il-famuża poeżija tiegħu *Lead Kindly Light.*

### Konverżjoni

Newman kien kittieb prolifiku. Fost l-ewwel kitbiet tiegħu nsemmu *Arians of the Fourth Century*, il-famużi *Parochial Sermons* u anki *Discourses to Mixed Congregations*. Il-konverżjoni ta' Newman ma seħħitx f'daqqa, imma kienet il-frott ta' proċess twil u diffiċli li swielu ħafna ansjetà interjuri u tbatija, kif ukoll problemi ma' xi wħud minn sħabu u ħbiebu fil-Komunjoni Anglikana. Is-sena 1841 kienet partikularment diffiċli għalih matul dan il-vjaġġ spiritwali. Kien f'Settembru 1843 li għamel l-aħħar priedka bħala qassis Anglikan; din kien jisimha *The Parting of Friends* u saret fil-knisja f'Littlemore fejn kien mar joqgħod. Kien nhar id-9 ta' Ottubru 1845 li Newman, wara ħin mgħoddi fit-talb, daħal fil-kamra fejn kien hemm bil-qiegħda ħabibu Dominic Barberi (il-lum qaddis) u ntefa' f'riġlejh jitolbu jdaħħlu fil-merħla Kattolika. Barberi, li kien patri Passjonista Taljan, għammdu, u aktar tard irċieva l-Griżma minn idejn l-Isqof Wiseman fi *New College*, f'Oscott, Birmingham. Kien Newman li fl-1846 għammed il-Kulleġġ ta' Oscott bl-isem ta' *Maryvale*, ispirat mill-knisja ta' Santa Maria in Vallicella f'Ruma, fejn kien għex San Filippu Neri, il-fundatur ta' l-Oratorjani li magħhom huwa daħal. Imbagħad telaq lejn Ruma biex iħejji ruħu għas-saċerdozju. Il-Papa Piju IX, li miegħu ltaqa', aċċetta li Newman jiftaħ oratorju fl-Ingilterra, u nhar it-30 ta' Mejju 1847 Newman kien ordnat saċerdot minn idejn il-Kardinal Franzoni.



### Kitbiet

Newman kiteb diversi xogħlijiet importanti li sfaw mira tal-kontroversja, l-aktar minħabba l-mibegħda li kienet teżisti fl-Ingilterra lejn dak kollu li huwa Kattoliku. Hu kien diġà kellu sehem importanti fil-Moviment ta' Oxford, magħruf ukoll bħala l-Moviment Trattarjan; dan il-moviment kien ġabar fih lil dawk l-Anglikani distinti li kienu jgħożżu l-liturġija u t-tradizzjoni Kattolika fi ħdan il-Komunjoni Anglikana. Bl-għajnuna tal-Papa hu waqqaf ukoll l-Università Kattolika ta' l-Irlanda. Kien involut f'kontroversji teoloġiċi ma' l-Anglikan E.B. Pusey u ma' Charles Kingsley fost l-oħrajn. Imqar l-opponenti tiegħu kienu jammiraw l-intelliġenza u r-reqqa akkademika tiegħu; il-Prim Ministru Ingliż W.E. Gladstone, Anglikan aħrax, kien fost l-ammiraturi kbar tiegħu. Fl-1864 huwa ppubblika l-*Apologia Pro Vita Sua*, li fiha ġabar ir-raġunijiet kollha għall-konverżjoni tiegħu u l-ġustifikazzjoni loġika tagħha. Il-poema tiegħu *The Dream of Gerontius* hija kapulavur letterarju u spiritwali li, f'kitbet Gladstone stess, hija l-aqwa xogħol poetiku reliġjuż minn żmien *La Divina Commedia*. Newman kiteb ukoll *The Idea of a University*, rumanz bl-isem *Callista*, il-ktieb *Loss and Gain* u diversi xogħlijiet ta' natura teoloġika. Huwa jitqies missier il-ħsieb tal-Konċilju Vatikan II.

### Rabta mal-Velabro

Fit-12 ta' Mejju 1879 il-Papa Ljun XIII ħatar lil Newman kardinal, b'apprezzament għall-kontribut tiegħu fit-teoloġija u fil-qasam tal-Kattoliċiżmu Ingliż, li bis-saħħa



Il-lapida b'isem Newman fil-Bażilika tal-Velabro f'Ruma.

tiegħu reġa' qam fuq riġlejh. Newman għażel il-motto, *frażi meħuda mill-kitbiet ta' San Franġisk de Sales, "Cor ad cor loquitur"* (Qalb tkellem lill-oħra). Il-Papa ta lil Newman it-titlu kardinalizju tal-Bażilika ta' San Giorgio al Velabro fil-qalba ta' Ruma l-antika. Ma setax jagħtih sede aktar storikament sinifikanti milli fil-fatt tah! Din il-bażilika, eżistenti diġà sa mis-seklu erbgħa WK, għandha preġju arkeoloġiku kbir u nbniet fil-kwartier tal-komunità Kristjana Griega tal-belt imperjali. Newman kien kardinal titulari tagħha mill-1879 sa l-1890. Fl-1979 iċ-ċentinarju tal-kardinalat tiegħu kien iċċelebrat b'solennità kbira fil-bażilika tal-Velabro. F'dik l-okkażjoni l-Papa Ġwanni Pawlu II ħareġ ittra u kiteb hekk: "L-elevazzjoni ta' Newman għall-kardinalat, bħall-konverżjoni tiegħu għall-fidi Kattolika, hija ġrajja li tittraxxendi l-fatt storiku kif ukoll l-importanza li kellha għal pajjiżu... L-influwenza tiegħu, mimlija ispirazzjoni bħala għalliem kbir tal-fidi u gwida spiritwali, qiegħda kull ma jmur tiġi rikonoxxuta dejjem aktar. Billi insista li l-Knisja tkun imħejjija għall-ikkonvertiti kif ukoll li dawn ikunu mħejjija għall-Knisja, hu diġà f'ċerta miżura antiċipa fis-sens teoloġiku wiesa' wieħed mill-għanijiet tal-Konċilju Vatikan II u tal-Knisja fil-perjodu post-Konċiljari".

M'hemmx dubju li Newman feraħ meta ngħata l-aħbar ta' l-għoti ta' din il-knisja, l-aktar minħabba r-rabta antika tal-patroċinju ta' San Ġorġ ma' l-Ingilterra, art twelidu, hu li kien wasal biex iħaddan il-fidi Kattolika wara li qara u studja l-kitbiet tas-Santi Padri Griegi u Latini, li wħud minnhom għexu fi żmien jew ftit wara l-persekuzzjoni l-kbira ta' Djoklezjanu.

**Iżur lil Malta**

John Henry Newman ġie Malta waqt vjaġġ li kien qed jagħmel ma' ħabibu Hurrel Froude u missieru l-Arċidjaknu Froude fuq il-bastiment *Hermes*. Huma waslu għall-ewwel darba f'Malta nhar il-Milied tas-sena 1832 fil-għaxija. Dak in-nhar huma baqgħu abbord, minħabba li nhar San Stiefnu, mela l-għada tal-Milied, kienu sa jerħulha għal Korfù. Setgħu biss jinżlu fl-inħawi tal-Lazzarett, kif kienu jippreskrivu l-liġi ta' Malta u r-regoli tal-kwarantina. Hu stess jistqarr li baqa' abbord il-*Hermes* u qatta' "l-aktar Milied ikraħ li jiftakar". Dan l-aktar għax ma setax imur il-knisja biex iqaddes il-lejl tal-Milied. Huwa jikteb li sema' l-qniepen sbieħ u armonjużi tal-Belt u l-inħawi tagħha, u dan nissel f'qalbu niket kbir minħabba li għamlu konxju ta' dak li kien qed jitlef. L-għada huma niżlu l-art biex jaraw ftit il-kmamar li kienu sa jgħixu fihom malli jerġgħu lura lejn Malta.

Matul iż-żmien qasir li qatta' f'Malta, Newman kiteb tliet poeżiji, fosthom il-poeżija *Christmas without Christ* li fiha jitkellem fuq kif kellu jqatta' jum il-Milied mingħajr ma jattendi għal servizz reliġjuż. Xi wħud minn dawn il-poeżiji tiegħu dehru f'*The British Magazine* u sabu posthom fil-*Lyra Apostolica*. Il-grupp reġa' lura Malta nhar l-10 ta' Jannar, wara li qatta' xi jiem f'Korfù. Meta waslu Malta marru joqogħdu fi grupp ta' kmamar fuq il-gżira Manoel. Hu kien iqatta' ħafna mill-ħin tiegħu jdoqq il-vjolin. L-ikel kien jinġieb minn waħda mil-lukandi tal-qrib.

Fost il-persuni li żaru lil Newman u sħabu fil-Lazzarett kien hemm Sir John Stoddart, li kien il-Prim Imħallef f'Malta f'dak iż-żmien. Huwa tahom ħafna tagħrif interessanti fuq il-Knisja Kattolika f'Malta u r-relazzjonijiet tagħha mal-gvern Ingliż. Nhar it-23 ta' Jannar il-kwarantina ġiet fi tmiemha u tħallew jinżlu l-art, u kienu joqogħdu fi Triq il-Lvant, il-Belt Valletta, f'lukanda li kien jisimha *Beverley's Hotel*. Minħabba li kellu riħ, għal xi jiem Newman baqa' ġewwa. Huwa ħallas lil waħda persuna biex tagħtih lezzjonijiet fit-Taljan. Kien iqatta' wkoll xi ħin jaqra l-kitbiet ta' Omeru u Virġilju. L-ewwel żjara tiegħu fit-toroq tal-Belt kienet fil-Konkatidral ta' San Ġwann, li laqtu ħafna minħabba "l-għana, l-eżattezza, l-armonija u s-sens ta' kompletezza u sħuħija tiegħu li tmur lil hinn minn dak kollu li qatt rajt". Żar ukoll il-Biblijoteka Nazzjonali.

Newman u sħabu ħallew Malta għal Napli nhar is-7 ta' Frar 1833. Ta' min jgħid li meta Newman żar Malta, l-Oratorjani (il-Kongregazzjoni ta' San Filippu Neri) kellhom il-kunvent tagħhom fit-tarf ta' l-Isla; il-lum


Il-pittura tal-Velabro, impittra mill-kuġina ta' Newman Louise Deane, li l-Kardinal kellu mdendla fil-kamra tiegħu fl-Oratorju ta' Birmingham.

din id-dar, li aktar tard għaddiet għand il-Ġiżwiti, tinsab f'idejn is-Salesjani Maltin.

Nagħlaq din il-kitba bit-traduzzjoni ħielsa għal ilsienna ta' l-innu poetiku bl-isem *The Pillar of the Cloud* (Il-Kolonna tas-Sħaba), li kiteb il-Kardinal Newman u li l-lum jitkanta f'diversi knejjes fid-dinja Kattolika Anglo-Sassona.

Mexxini, dawl ħanin, qalb din id-dalma,
għax dalam sew u għadni 'l bogħod mid-dar;
riġlejja żomm biex nagħraf nimxi sewwa,
pass pass mingħajr il-ħsieb ta' ħwejjeġ kbar.

Fl-imgħoddi kont interraq tul it-trejqa
bla qatt ma tlabtek tkun tiegħi musbieħ,
ħabbejt iżjed il-ġieħ li mela 'l qalbi
u mimli bija nnifsi kont qatigħ.

'Mma l-lum il-qawwa tiegħek f'dawl inbidlet
li jimxi miegħi fl-għeja u qalb ir-riħ;
f'żerniq il-jum ifeġġ id-dawl leqqieni
li għal ftit żmien kien għeb, 'mma reġa' sħiħ.



**Biblijografija**
PETRA BIANCHI–PETER SERRACINO INGLOTT (Ed.), *Encounters with Malta*, Malta 2000, pp. 259-260.
THOMAS FRELLER, *Verses and Visions. The Maltese Islands in World Literature*, Malta 2008, p. 299.

# *Rejiet Ingliżi bl-isem ta' Ġorġ*(5)

Dun Geoffrey G. Attard

## Ir-Re Ġorġ V (1865-1936)



Edward Caruana Dingli (iffirmat), *King George V with Mantle of The Most Noble Order of the Garter (1865-1936)*, Żejt fuq it-tila, 100 x 80cm, Kwartieri tal-Pulizija ta' Malta, il-Furjana. (Ħajr: *Fondazzjoni Patrimonju Malti u Midsea Books*)

George Frederick Ernest Albert, jew fil-qosor ir-Re Ġorġ V, twieled f'Marlborough House, Londra, nhar it-3 ta' Ġunju 1865, it-tieni iben tar-Re Edward VII u martu r-Reġina Alexandra, prinċipessa tal-familja rjali tad-Danimarka. Ħuh il-Prinċep Eddie kellu jkun l-eredi għat-tron, imma dan miet qasir il-għomor. Għalhekk Ġorġ wiret it-tron meta missieru r-Re Edward miet fl-1910. Hu kien inkurunat f'Westminster nhar it-22 ta' Ġunju 1911. Sa minn ċkunitu l-Prinċep Ġorġ kien dilettant kbir tal-bolli u kollezzjonist mill-iprem; sal-lum il-kollezzjoni tiegħu hija waħda mill-aktar prestiġjużi fid-dinja kollha. Wara li missieru kien għamel xi żmien jgħix ħajja mqallba u ta' xalar, Ġorġ iddeċieda li ried jiżżewweġ u jtella' l-familja tiegħu f'dixxiplina inimitabbli. Huwa żżewweġ lill-Prinċipessa Mary ta' Teck, li kienet l-għarusa ta' ħuh, il-mejjet Eddie. Kien jiehu interess speċjali fil-ħajja politika ta' pajjiżu. Miż-żwieġ tiegħu kellu erba' subien u tifla. B'xorti ħażina hu kien jixbah lil nanntu r-Reġina Victoria fin-nuqqas ta' konoxxenza tat-tbatija tal-klassi ż-żgħira; madankollu hu kien ferm maħbub mis-sudditi tiegħu. Kellu jiffaċċja żmien diffiċli meta kuġinuh il-Kżar Nikola II tar-Russja nqabad mill-Bolxevisti u kien assassinat mal-familja tiegħu; ħassu ddispjaċut li ma rnexxilux jevita l-mewt ta' qaribu u aktar webbes rasu biex isaħħaħ il-monarkija f'pajjiżu. Fl-1926 l-Ingilterra esperjenzat strajk kbir li għamel ħsara ekonomika lill-Gran Brittanja. Fl-1931 ta bidu għar-*"royal broadcast"* lin-nazzjon kollu li mbagħad sar drawwa ta' kull sena sa fi żminijietna. Fi żmienu wkoll l-Ewropa għaddiet mill-Gwerra l-Kbira, li kienet pillola morra għall-pajjiż. Fl-1928 in-nisa kollha 'l fuq minn 21 sena kisbu l-vot. Fl-1931 tfaċċat dik li tlaqqmet id-Dipressjoni l-Kbira, li wasslet għal gvern nazzjonali magħmul mit-tliet partiti politiċi. Fl-1935 iċċelebra l-Ġublew tal-Fidda minn meta sar re tal-pajjiż. Kellu prim ministri ta' ħila bħalma kienu Lloyd George u Asquith. Ir-Re Ġorġ miet nhar l-20 ta' Jannar 1936 f'Sandringham, Norfolk. Jinsab midfun fil-Kappella ta' San Ġorġ tal-Kastell ta' Windsor. Fil-Palazz Presidenzjali, fi Pjazza San Ġorġ tal-Belt Valletta, hemm kwadru sabiħ tiegħu u ta' l-antenati tiegħu. F'Malta nsibu wkoll għaqda mużikali (banda) li ġġib ismu. Huwa n-nannu tar-Reġina Eliżabetta II.

# Tislima lil Dun Nikol



Il-Ħamis 16 ta' Novembru 2000 miet il-**Kanonku Nikol Vella Apap**, wieħed mill-egħżeż benefatturi tal-parroċċa ta' San Ġorġ permezz tal-ħidma pastorali u l-kontribuzzjonijiet letterarji tiegħu. Hu kien ukoll awtur regolari fuq dan il-perjodiku tal-parroċċa. Għalhekk *Il-Belt Victoria* tfakkar lil dan il-Ġorġjan kbir, iben denn ta' din l-ewwel parroċċa ta' Għawdex, b'dawn il-paġni speċjali ta' tagħrif fuqu u ritratti minn ħajtu.





# Ħajtu fil-qosor

| | |
|---|---|
| 29 ta' Ottubru 1930 | Twieled fl-4.30am, ir-Rabat, Għawdex, l-ewwel minn żewġ ulied ta' Ġużeppi Vella u Franġiska mwielda Apap, li kienu joqogħdu fi sqaq fi Triq Karità, maġenb il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. L-għada ġie mgħammed bl-ismijiet ta' Nikola, Vinċenz, Anton u Ġorġ, mill-Arċipriet Mons. Alfons Marija Hili, fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. |
| 19 ta' Mejju 1937 | Irċieva l-Konfirmazzjoni mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Mikiel Gonzi fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. |
| 1946 | Daħal intern fis-Seminarju ta' Għawdex. |
| 13 ta' April 1958 | Ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Mons. Ġużeppi Pace fil-Katidral ta' Għawdex. |
| 4 ta' Mejju 1958 | Iċċelebra l-ewwel Quddiesa solenni fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Għamillu l-priedka Mons. Emanuel Mercieca, iktar tard arċipriet ta' San Ġorġ. |
| 1959-1971 | Kien sagristan maġġur fil-Bażilika ta' San Ġorġ. |
| 1967-1991 | Għallem bosta suġġetti fosthom it-Taljan, l-Istorja ta' Malta u ta' l-Ewropa Medjevali, kif ukoll il-Ġografija, fis-Seminarju Minuri ta' Għawdex. |
| 1968 | Sar l-ewwel biblijotekarju tal-librerija djoċesana tas-Seminarju ta' Għawdex. |
| 1972-1984 | Kien viċi-parroku fil-parroċċa ta' San Ġorġ. |
| 1973-1975 | Ta servizz bħala direttur spiritwali ta' *præsidium* tal-Leġjun ta' Marija. |
| 1973-1983 | Kien l-aħħar prokuratur ta' l-altar tas-Santissmu Kurċifiss u tal-festi tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Bażilika ta' San Ġorġ. |
| 10 ta' Lulju 1976 | Ħa l-pussess bħala wieħed mill-ewwel kanonċi tal-Kolleġġjata ta' San Ġorġ u kanċillier tal-kapitlu. |
| Awwissu 1980 | Għamel it-tridu tal-festa ta' San Ġorġ fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Dik is-sena, minħabba xi nkwiet ta' permessi, il-festa kienet ġiet ittrasferita għall-Ħadd 3 ta' Awwissu. |
| Ġunju 1985 | Għamel it-tridu ta' San Ġorġ fil-knisja arċipretali ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi. |
| Lulju 1988 | Għamel il-paniġierku tal-festa fil-Bażilika ta' San Ġorġ. |
| 6 ta' Novembru 2000 | Ġie mdaħħal għall-kura fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. |
| 16 ta' Novembru 2000 | Miet fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. L-għada sar il-funeral solenni tiegħu fil-Bażilika ta' San Ġorġ u wara ndifen fil-qabar (Nru 549) tal-familja tiegħu fiċ-Ċimiteru ta' Santa Marija tar-Rabat. |

*"U min jiġi Għawdex u ma jidħolx San Ġorġ qisu mar Ruma u ma rax lil San Pietru..."*

it-Tielet Priedka tat-Tridu, Festa San Ġorġ, Ħal Qormi, Ġunju 1985

# Il-Kan. Nikol Vella Apap

## L-Awtobijografija*

Fil-qasam letterarju-storiku Għawdxi taw sehemhom mhux biss sekulari, iżda wkoll il-pinna ħerqana ta' bosta qassisin u patrijiet, li isimhom żgur li jibqa' mfakkar lil ulied din l-art ħelwa fil-ġejjieni. Minn dawn il-lum ukoll sa nisiltu wieħed li bħal qronfla sbejħa u tarmi l-fwieħa dejjiema kompla dejjem iżejjen ilsienna bix-xejriet differenti tal-kitbiet tiegħu.

Dan il-poeta, prożatur, folklorista u storiku Għawdxi m'hu ħadd ħlief il-Kanonku Nikol Vella Apap li twieled fir-Rabat ta' Għawdex nhar id-29 ta' Ottubru 1930, u ġie mgħammed dak il-jum stess fil-knisja protoparrokkjali, il-lum bażilika u kolleġġjata, ta' San Ġorġ. Ta' età żgħira huwa ħass is-sejħa għas-saċerdozju u ta' tmien snin daħal abbati f'San Ġorġ u ħareġ għall-ewwel darba fil-purċissjoni ta' San Girgor; hekk kienet id-drawwa dawk iż-żminijiet meta t-tfal jidħlu abbatini.

Wara li temm l-iskola primarja tal-Gvern, Nikol għadda għas-Seminarju u daħal bħala *boarder* fis-sena 1946. Wara li spiċċa l-istudji kollha, ġie ordnat qassis ma' ħames saċerdoti oħra f'Ħadd il-Għid, 13 ta' April 1958, mill-Isqof Mons. Ġużeppi Pace, fil-Katidral ta' Għawdex. Il-Ħadd 4 ta' Mejju 1958 għamel l-ewwel Quddiesa kbira fil-Bażilika ta' San Ġorġ. F'din l-okkażjoni l-poetessa Għawdxija Mary Meylak kienet kitbitlu poeżija mirquma ħafna. Dun Nikol fl-ewwel snin tas-saċerdozju għal tnax-il sena serva bħala sagristan maġġur fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Fil-21 ta' Settembru 1972 Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi għażel lil Dun Nikol bħala viċi-parroku fil-Bażilika ta' San Ġorġ, missjoni li minn dak iż-żmien baqa' jwettaqha sa l-1984.

Meta Mons. Isqof Cauchi kien għadu prefett ta' l-istudji fis-Seminarju, fis-sena 1967 sejjaħ lil Dun Nikol Vella Apap biex jgħallem it-Taljan, il-Ġografija, l-Istorja ta' Malta u ta' l-Ewropa fil-ġinnasju tas-Seminarju. Dun Nikol dejjem ħabb it-tagħlim u fit-tfal nissel imħabba lejn il-qari, il-kotba u fuq kollox lejn l-istorja ta' artna. Din il-ħaġa jixhduha dawk it-tfal kollha li tgħallmu minn taħt idejh. Il-missjoni tat-tagħlim qalb it-tfal tas-Seminarju mis-sena 1967 Dun Nikol baqa' jwettaqha sa l-1991.

Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi fis-26 ta' April 1976 kien għażel lil Dun Nikol bħala wieħed mill-kanonċi ġodda tal-kolleġġjata l-ġdida ta' San Ġorġ, fejn kien ħa l-pussess mal-kanonċi l-oħra nhar is-Sibt 10 ta' Lulju 1976. Fost l-impenji l-oħra fil-parroċċa lil Dun Nikol insibuh ukoll bħala prokuratur tal-festi tal-Ġimgħa l-Kbira fil-parroċċa ta' San Ġorġ, fejn ġie magħżul fis-sena 1973.

Dun Nikol minn tfulitu ħabb il-kotba. Dawn kienu l-ħbieb ewlenin tiegħu. Fuq hekk stinka kemm felaħ biex jibni l-librerija tiegħu. Dan is-saċerdot studjuż kien medhi biss b'xogħol pastorali fil-parroċċa tiegħu u t-tagħlim fis-Seminarju. Dun Nikol kien jemmen sħiħ li permezz tal-kotba l-moħħ jinfetaħ u jimmatura għax il-kotba għandhom qawwa kbira fuq il-moħħ u l-karattru tal-bniedem. Huma f'kelma waħda għajn ġelgul ta' kultura. Mhux ta' b'xejn li Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi fit-2 ta' Frar 1968 għażel lil Dun Nikol bħala l-ewwel biblijotekarju tal-librerija djoċesana fis-Seminarju! F'dan ix-xogħol Dun Nikol ħadem għal sentejn sħaħ, billi kien dar dawra mal-kotba kollha.

Dan is-saċerdot ħabrieki nsibuh jagħti daqqa t'id siewja f'soċjetajiet volontarji kemm reliġjużi u kemm profani. F'dawk reliġjużi Dun Nikol ħadem għal tliet snin bħala direttur spiritwali fil-*præsidium Madonna tat-Tbissima* tal-Leġjun ta' Marija tar-Rabat. Dan kien mis-sena 1973 sa l-1975. F'dawk profani lil Dun Nikol insibuh ukoll membru attiv fil-Kumitat Storiku-Kulturali tal-Bażilika ta' San Ġorġ.

L-iktar għajnuna li ta lis-soċjetà dan is-saċerdot studjuż hija dik tal-kitba li tinfirex fuq oqsma differenti, bħalma huma esejs, poeżiji, novelli, profili bijografiċi ta' nies kbar Għawdxin u tal-qaddisin, kitbiet fuq drawwiet folkloristiċi mir-Rabat ta' Għawdex, u kitbiet storiċi fuq Għawdex. Fuq kollox Dun Nikol Vella Apap, studjuż magħruf ta' l-istorja dawn il-gżejjer, kien kollezzjonista kbir tal-*Melitensia*, hekk li ppubblika ruxxmata ta' storiċi fuq bosta rivisti u gazzetti. Dun Nikol kiteb dawn ir-rivisti: *Il-Ħajja f'Għawdex*, *Il-Qawmien*, *Forum*, *Gaulus*, *Il-Musbieħ*, *Focus*, *Leħen il-Gozo Year Book*, *Ġabra ta' Mħabba u Storja Elenjana*, il-*Yearbook*

1


2


3


**1** Il-Familja Vella f'ritratt ta' l-1942, meta kellu biss tnax-il sena. **2** Ritratt mill-album taż-żagħżugħ Nikol. **3** Mal-ġenituri u ħuh Ġorġ fl-okkażjoni ta' l-ewwel Quddiesa solenni.

tal-Bażilika protoparrokkjali ta' San Ġorġ, *Ballut, The Student, Heritage, Il-Malti, Il-Pronostku Malti, Lejn ix-Xefaq, Saghtar, L-Agape, Santa Rita, Il-Marsa* u *Pastor*. Damm ukoll ġabra oħra ta' drawwiet qodma mir-Rabat ta' Għawdex li dehret fuq ir-rivista kulturali *Saghtar*. Artikli interessanti ta' natura storika kienu dehru fuq dawn il-gazzetti: *In-Nazzjon Tagħna, Il-Mument, Eku, Leħen is-Sewwa, Ħal-Balzan, Għawdex Illum, Il-Ħajja, The Sunday Times of Malta* u *The Democrat*.

Dun Nikol fuq kollox kiteb u kellu lesti għall-pubblikazzjoni diversi kitbiet oħra ta' natura storika-letterarja u folkloristika. Fost dawn biżżejjed insemmi *L-istorja tal-knejjes parrokkjali u knejjes oħra f'Għawdex, Storja ta' l-erba' kunventi bil-knejjes tagħhom f'Għawdex* f'żewġ volumi, *Tifkiriet tfuliti u żgħożiti* f'żewġ volumi, *Ġrajjiet Għawdxin fl-imgħoddi* fi tliet volumi, *Drawwiet storiċi f'Għawdex* tliet volumi, *Bijografija ta' l-isqfijiet Għawdex, Bijografija ta' l-ewwel kanonċi Bażilika u Kolleġġjata ta' San Ġorġ Għawdex, Ġrajjiet Għawdex* f'żewġ volumi, *esej bil-Malti: ħamsin letterarji, ħamsin storiċi* f'żewġ volumi, *Tmenin drawwa mir-Rabat ta' Għawdex, Mitt poeżija bil-Malti, Mitt bijografija ta' qassisin mir-Rabat Għawdex, Kronaka* f'sitta u għoxrin volum, *Tletin novella bil-Malti*, u kitbiet storiċi.

Fil-proża ta' Dun Nikol, li tikkonsisti l-aktar f'novelli, insibu ħafna mill-idjomi u espressjonijiet f'ħalq il-poplu. Ta' sikwit Dun Nikol jinqeda wkoll bi qwiel sbieħ u f'posthom biex ikompli jqawwi l-kitbiet tiegħu. Għandu wkoll xejra oħra ta' novelli in-nies tal-kampanja; u hawnhekk Dun Nikol joħroġ bi kliem u drawwiet bidwi... kliem li ftit li xejn tisma' fl-ibliet moderni tagħna. Hekk, ngħidu aħna, novella tiegħu *Madonna ħarisna* u fl-oħra *Krispin l-Iskarpan*, dan il-kittieb juża espressjonijiet purament rurali u kampanjoli... idjomi nodfa u ħielsa minn kliem mgħawweġ u barrani.

Għalkemm Dun Nikol kiteb numru mhux ħażin ta' poeżiji, nistgħu ngħidu l-poeżija tiegħu tinqasam fi tnejn: natura reliġjon. Għalkemm il-pinna tiegħu m'hix ħafifa daqs dik ta' Anton Buttigieg jew Dun Karm, xorta waħda għandha l-effetti tagħha: effetti li jħallu fuq il-qarrej ċerta għaxqa u mistrieħ. Fil-poeżiji reliġjużi *Fl-Ave Marija, Lit-Tarbija ta' Betlehem* u *Lil Ġorġ*, min jaqra jsib tassew x'jomgħod u u x'jixtarr. Dun Nikol iħobb jinqeda sunett u xi drabi b'versi maħlula mexxejja. Għandu wkoll poeżiji ħfief, bi ftit sillabi u versi maħlula. Kultant niltaqgħu wkoll ma' xi sunett iebes u tqil, iżda b'messaġġ qawwi. Fis-sunett tiegħu *Santu Wistin, Isqof t'Ippona*, Dun Nikol mhux biss ħsieb profond, ir-rifless tal-poeta qassis u storiku, iżda wkoll is-sengħa jħaddan poeta tajjeb.

Aqraw, għalhekk, fi tmiem dan il-profil tagħna, x'jaħseb il-kittieb, il-Kan. Nikol Vella Apap, fuq Santu Wistin, f'dan is-sunett tiegħu lil dan il-qaddis, iben il-qaddisa Monika:







**4** L-Isqof Pace jordnah saċerdot fil-Katidral ta' l-Assunta. **5** Ritratt ta' l-ordinandi l-ġodda ma' l-Isqof Pace (Dun Nikol hu t-tielet wieħed mix-xellug). **6** Dieħel San Ġorġ għall-ewwel Quddiesa tiegħu, akkumpanjat mill-Arċipriet Mons. Mikiel Cefai u Mons. Emanuel Mercieca.

"Baħar ta' għerf, xaqq ta' dawl mis-Sema,
int dhert fuq din l-art, o kbir Wistin.
Għerfek jisfa lir-ruħ imgħaffsa bħal benna,
l-aqwa sur tal-Vanġelu, għassies id-Dîn.

Duttur kbir tal-Knisja l-iktar kotrana,
isem li jistħoqq bosta dan il-ġieħ;
b'kitbietek strieħ bil-kif it-tagħlim t'Ommna
u tal-misteri nżilt sa ġewwa l-qiegħ.

Daqs raġġ qawwi ta' dawl tibqa' int għaref,
ir-raġġ setgħan tax-xemx li qatt ma tmil;
l-għerf tiegħek jibqa' żgur ta' Xmun l-imqadef
li jħarsu ta' Kristu l-Knisja f'kull tfixkil.

Hekk kif lill-Knisja għerfek tant ħarisha,
issokta bi qdusitek, Missier kbir, qaddisha".


FJUM L-EWWEL QUDDIESA SOLENNI
TA'
DUN NIKOL VELLA APAP
FIL-KNISJA PARROKKJALI TA'
SAN ĠORĠ MEGALOMARTRI
IL-BELT VITTORIA GĦAWDEX
*4 ta' Mejju 1958*

Kif San Ġorġ ġieb mar-Rabat
L-aktar nota ferrieħija,
U l-għasafar mill-kampnari
Taru jsaffru, ġeġwiġija.

Dun Nikol kien tiela' t-tarġ,
Fjuri mxerrda mat-tapit,
U San Ġorġ fil-bieb qed jilqa'
Lil dat-twajjeb Qassis ġdid.

Għannqu u biesu bewsa safja,
Waqt li l-Knisja folla ntliet,
Jidwi leħen San Ġorġ tagħna
Ġej mill-għoli tas-smewwiet.

Nies imxabbta bdiet titlawwal,
Ħalli tara 'l Dun Nikol
U San Ġorġ bla kliem, jitkellem,
Daqs, li kieku lsienu jħoll.

"Dun Nikol, jien naf li tħobbni,
Ili nafu dan mill-Ġenna,
U San Ġorġ tiegħek bla sabar
Din is-siegħa kien jistenna.

Għaddi 'l ġewwa, maħbub ibni,
F'dan il-jum l-iżjed sollenni,
Ejja qaddes ġewwa dari,
U kull jum dan erġa' ġenni.

Din il-għodwa, jiena noffri
Talba kbira 'l Alla għalik,
U tul għomrok jien inwieġbek
Li qatt aktar ma nħallik.

Kun Qassis, twajjeb, ħabrieki,
Aħdem, ħabrek, tul is-snin,
U San Ġorġ u Dun Nikola,
Dejjem nibqgħu ta' xulxin."

MARY MEYLAK.

Nihil Obstat
Victoriae 24-4-1958
Mich. Archip. Cefai Cens. Eccl.

"Orphans' Press" Gozo.

* Dan it-tagħrif fuq il-ħajja tal-Kan. Nikol Vella Apap ħadnieh mill-kitbiet f'wieħed mill-volumi personali tiegħu stess (*Kitbiet storiċi fuq Għawdex*, Ms. Vol. 4 [m'hux stampat], pp. 101-109). Din l-awtobijografija li hu kiteb fit-28 ta' Jannar 1981, qed tiġi ppubblikata hawn għall-ewwel darba. Billi l-awtur kitibha meta kien għadu ħaj, hawn qed nippreżentawha b'xi bidliet żgħar skond il-ħtieġa. Hu miet fis-16 ta' Novembru 2000.

**Ħajr** lil Joseph u Godwin Vella, neputijiet tal-Kan. Nikol Vella Apap, tal-bosta manuskritti, ritratti u tagħrif ieħor li silfuna mill-arkivji personali ta' l-għażiż zijuhom.

# Il-Kanonku Nikol Vella Apap (1930-2000) – Kif nafu jien...

jiktbilna Winston L. Zammit, ħabib ta' Dun Nikol


Ma' l-akbar ħbieb tiegħu, il-kotba, fil-librerija tad-dar tiegħu, aktarx l-akbar kollezzjoni privata ta' kotba f'Malta.

Lil Dun Nikol sirt nafu fis-Sajf ta' l-1970, x'ħin kont ix-Xlendi. Wara li tkellimt miegħu u sirt naf li kien saċerdot li jħobb l-istorja, iddeċidejt li niktiblu, u b'hekk bdiet ħbiberija li damet tletin sena u fuqhom, sa Novembru 2000, meta l-Mulej sejjaħlu fi ħdanu.

Konna niktbu regolarment lil xulxin u nibagħtu pubblikazzjonijiet lil xulxin. Kien iħobb il-kotba, kif tixhed il-kollezzjoni kbira ta' kotba li kellu d-dar tiegħu fi Triq il-Karità, u ġieli talabni nixtrilu xi kotba, ħaġa li kont nagħmel bil-qalb. Fil-fatt l-aħħar ktieb li xtrajtlu bgħatthulu xi ftit ġranet qabel miet.

Kull meta kien jiġi Malta, jew fuq xogħol pastorali jew fuq xi mawra qasira, konna niltaqgħu u ġieli ġie d-dar tiegħi f'Tas-Sliema. Min-naħa tiegħi, kull meta kont nitla' Għawdex kont ngħaddi sad-dar tiegħu. L-hena tiegħi kien li nara l-kwantità ta' kotba li kellu. Kellu wkoll kollezzjoni ta' statwi, li ħafna minnhom kien ħadimhomlu Toninu Cuschieri minn Tas-Sliema. Meta daħħal it-telefon bdejt inċempillu kull nhar ta' Ħamis, billi dan huwa l-jum tat-twaqqif tas-saċerdozju.

Fl-aħħar tas-snin disgħin saħħtu bdiet sejra lura u f'Novembru 2000 iddaħħal fl-ITU wara attakk tal-qalb. Kont inċempel ta' spiss il-Bażilika ta' San Ġorġ biex nieħu aħbaru. Darba minnhom, is-Sibt 11 ta' Novembru 2000, ċempilt l-ITU u kellimtu. Din kellha tkun l-aħħar darba. Il-Ħamis 16 ta' Novembru, kif dħalt id-dar wara l-Quddiesa, daqq it-telefon. Kien il-Kan. Feliċ Tabone li, imbikkem, tani l-aħbar li Dun Nikol kien għadu kemm miet. Dak il-ħin żammejt kalm, iżda wara bkejt! Konna ilna ħbieb tletin sena u l-mewt tiegħu ħassejtha.

Għaddew għaxar snin iżda qatt ma nsejtu. Fl-istudju tiegħi, faċċata ta' l-iskrivanija, qalb il-kotba hemm is-santa tal-mewt u ritratt tiegħu. L-anniversarju tiegħu ma nsejtu qatt għax ta' kull sena nitlob lil Dun Feliċ iqaddes għal ruħu fil-Bażilika ta' San Ġorġ, il-knisja li tant ħabb, li fiha ta servizz twil bħala viċi-parroku, sagristan maġġur u kanonku, u li fuqha tant kiteb.

# Dun Nikol fuq Il-Belt Victoria

**Fl-okkażjoni ta' l-għaxar anniversarju mill-mewt tal-Kan. Nikol Vella Apap, awtur magħruf ta' artikli reliġjużi, qed nagħtu biblijografija sħiħa, miġbura minn Francesco Pio Attard, tal-kitbiet li dehru taħt ismu fuq iż-żewġ pubblikazzjonijiet ewlenin tal-parroċċa: l-ewwel fuq il-*yearbook* maħruġ mill-Kumitat Storiku-Kulturali *Il-Bażilika Proto-Parrokkjali San Ġorġ Martri. Ħidma–Storja–Tagħrif* bejn l-1975 u l-1981, u mbagħad fuq dan il-perjodiku *Il-Belt Victoria* bejn l-1981 u 2000. Kif tinnotaw, f'dan il-perjodiku Dun Nikol kiteb mill-ewwel ħarġa sa mewtu.**

Barra li kien għal bosta snin sagristan maġġur u viċi-parroku tal-parroċċa ta' San Ġorġ, kif ukoll prokuratur ta' l-altar tal-Kurċifiss u tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, Dun Nikol kien membru tal-Kumitat Storiku-Kulturali tal-Bażilika ta' San Ġorġ. Hu l-awtur ta' ħafna tagħrif fuq il-Bażilika ta' San Ġorġ, kemm fuq gazzetti u rivisti u kemm fuq pubblikazzjonijiet tal-parroċċa, u kellu lesta għall-pubblikazzjoni ġabra ta' kitbiet fuq din il-bażilika protoparrokkjali. Kiteb ukoll kronaka estensiva tal-ħajja tal-parroċċa mis-snin sittin 'il quddiem u għal żmien twil kien idawwar it-turisti mal-bażilika.

F'din il-lista biblijografika l-ewwel jidher l-isem oriġinali ta' l-artiklu (fil-korsiv), imbagħad ix-xhur jew/u s-sena tal-ħarġa partikulari flimkien man-numru tagħha (fil-parentesi), u fl-aħħar il-paġna/i fejn jidher l-artiklu; fejn hi poeżija, dan hu indikat eżatt wara l-isem tagħha.

### Il-Bażilika Proto-Parrokkjali San Ġorġ Martri Ħidma–Storja–Tagħrif

*Il-ġrajja tal-Fratellanzi tal-Bażilika ta' San Ġorġ bl-artali tagħhom*, 1975 (1), 9-14

*Il-kwadri laterali tal-kor fil-Bażilika Kolleġġjata ta' San Ġorġ*, 1976 (2), 29-32.

*Għeluq it-tletin sena mill-inawgurazzjoni tal-koppla tal-Bażilika ta' San Ġorġ*, 1980 (6), 26-29.

*Il-qima lejn San Gejtano minn Thiene fil-Bażilika ta' San Ġorġ*, 1981 (7), 26-29.

### Il-Belt Victoria

*Il-konsagrazzjoni tal-Bażilika ta' San Ġorġ*, Settembru-Ottubru 1981 (2), 1-2.

*Il-Kurċifiss devot u mirakoluż*, Marzu-April 1982 (5), 8.

*Drawwiet tal-Ġimgħa l-Kbira fir-Rabat*, Marzu-April 1983 (11), 3.

*San Ġorġ Megalomartri bħala Patrun u Protettur*, Lulju-Awwissu 1984 (19) – Ħarġa Speċjali, 10.

*F'egħluq il-mija u ħamsa u sebgħin sena tal-istatwa ta' Ġesù - Maria (1810-1985) meqjuma fil-Bażilika ta' San Ġorġ*, Marzu-April 1985 (23), 3.

*L-ewwel knejjes meqjuma lil San Ġorġ*, Lulju-Awwissu 1985 (25), 6.

*Il-qima lejn il-Kunċizzjoni tal-Madonna ħdejn il-Bażilika ta' San Ġorġ u fil-knisja tiegħu*, Novembru-Diċembru 1985 (27), 7.

*Qaddisin li jġibu isem San Ġorġ*, Lulju-Awwissu 1987 (37), 3.

*Il-parroċċa ta' San Ġorġ u l-Oratorju Don Bosco*, Jannar-Frar 1988 (40), 5, 7.

*Lill-Madonna ta' Mejju* [poeżija], Mejju-Ġunju 1990 (54), 3.



Dun Nikol merfugħ fuq l-ispallejn tal-Ġorġjani bl-istendard ta' San Ġorġ f'idejh waqt il-marċ ta' fil-għodu ta' nhar il-festa ta' San Ġorġ fejn San Ġorġ tal-Ħaġar.

*Lill-Ġesù Bambin* [poeżija], Novembru-Diċembru 1990 (57), 7.
*Quddiem xbieha ta' Ġesù Kurċifiss* [poeżija], Marzu-April 1991 (59), 6.
*Lil San Ġorġ Megalomartri* [poeżija], Lulju-Awwissu 1991 (61), 8.
*Il-qima lejn ir-relikwi*, Lulju-Awwissu 1992 (67), 6-7.
*San Ġorġ fil-ħsieb ta' San Pier Damiani (1007-1072)*, Marzu-April 1993 (71), 4, 6.
*Lil San Benedittu Abbati, Patrun ta' l-Ewropa* [poeżija], Mejju-Ġunju 1993 (72), 6.
*San Ġorġ Martri fil-kalendarju Ruman*, Lulju-Awwissu 1992 (73), 3, 6.
*F'egħluq il-ħamsin sena mill-mewt ta' l-Arċipriet Mons. Alfonsu M. Hili Prel. Dom (1865-1943)*, Novembru-Diċembru 1993 (75), 4-5.
*F'għeluq il-ħamsa u għoxrin sena mill-mewt ta' Mons. Ġużeppi Farrugia Giojoso (1969-1994)*, Jannar-Frar 1994 (76), 3, 6.
*Knejjes meqjuma lil San Ġorġ (1): Il-knisja diaconia ta' San Ġorġ Al Velabro ta' Ruma*, Marzu-April 1994 (77), 5-6.
*Knejjes meqjuma lil San Ġorġ (2): Il-knisja parrokkjali u Bażilika ta' San Ġorġ "Al Palazzo" f'Milan*, Lulju-Awwissu 1994 (79), 3, 6.
*Lill-ewwel statwa għall-festi "ta' barra" f'Għawdex, San Ġorġ Megalomartri, fl-ewwel mitt sena tal-wasla tiegħu, A. 1894-1994 D.* [poeżija], Lulju-Awwissu 1994 (79), 6.
*L-isqof Mikiel Franġisk Buttigieg (1793-1866) – Mitejn sena minn twelidu*, Novembru-Diċembru 1994 (81), 6.
*Minn qasam l-arti f'San Ġorġ (1): Il-pittur Kalabriż Mattia Preti (1613-1699)*, Jannar-Frar 1995 (82), 6.
*Minn qasam l-arti f'San Ġorġ (2): Il-pittur Franġisku Vinċenzu Zahra (1710-1773)*, Marzu-April 1995 (83), 4.
*Minn qasam l-arti f'San Ġorġ (3): Il-pittur Ġużeppi D'Arena (seklu XVII)*, Mejju-Ġunju 1995 (84), 4.
*Lydda u San Ġorġ*, Lulju-Awwissu 1995 (85), 4-5.
*Minn qasam l-arti f'San Ġorġ (4): Il-pittur Stefano Erardi (seklu XVII)*, Settembru-Ottubru 1995 (86), 5.
*Minn qasam l-arti f'San Ġorġ (5): Il-pittur Għawdxi Mikiel Busuttil (1758-1828)*, Novembru-Diċembru 1995 (87), 5.
*Minn qasam l-arti f'San Ġorġ (6): Il-Kan. Salvu Bondì S.Th.D. (1730-1859), Arkitett u Pittur*, Jannar-Frar 1996 (88), 6.
*Diskors mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap waqt l-Akkademja Mużiko-Letterarja [f'ġieħ l-Arċipriet Mons. Alfons Maria Hili]*, Marzu-April 1996 (89), 6-7.
*F'għeluq il-mitejn sena (1796-1996) tal-kwadru "Volto Santo" – "Wiċċ Imqaddes" fil-Bażilika Kolleġġjata ta' San Ġorġ fir-Rabat, Għawdex*, Mejju-Ġunju 1996 (90), 7.
*L-Imperatur Djoklezjanu (A.D. 245-313) li fi żmienu San Ġorġ bata l-martirju*, Lulju-Awwissu 1996 (91), 6-7.
*Minn qasam l-arti f'San Ġorġ (7): Il-pittur Ġużeppi Grech (1755-1787)*, Settembru-Diċembru 1996 (92-93), 3.
*Minn qasam l-arti f'San Ġorġ (8): Il-pittur Prof. Attilio Palombi (1860-1913)*, Jannar-Frar 1997 (94), 6.
*Minn qasam l-arti f'San Ġorġ (9): Il-pittur Ġużeppi Calì (1846-1930)*, Marzu-April 1997 (95), 6.
*Minn qasam l-arti f'San Ġorġ (10): Il-pittur Roberto Caruana Dingli (1882-1940)*, Mejju-Ġunju 1997 (96), 6.
*Minn qasam l-arti f'San Ġorġ (11): Ignatio Cortis*, Lulju-Awwissu 1997 (97), 6.
*Il-qima lejn il-Kurċifiss fil-Bażilika Kolleġġjata ta' San Ġorġ fir-Rabat ta' Għawdex*, Lulju-Awwissu 1997 (97) – Suppliment, xiv-xv.
*L-eżistenza tal-Purgatorju skond il-Kotba Mqaddsa*, Settembru-Diċembru 1997 (98-99), 5.
*Lil Marja Addolorata* [poeżija], Jannar-Frar 1999 (105), 3.
*Il-Franċiżi f'Għawdex (1798-1998) u l-kwadru tal-Madonna tal-Grazzja fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ*, Jannar-Frar 1999 (105), 6.
*F'għeluq il-75 sena mill-miġja tad-driegħ ta' San Franġisk Saverju f'Għawdex*, Mejju-Ġunju 1999 (107), 5.
*Meta l-festa liturġika ta' San Ġorġ kienet għall-komunità parrokkjali festa ta' preċett*, Lulju-Awwissu 1999 (109), 6.
*Mitt sena ilu nqata' d-dfin mill-Bażilika ta' San Ġorġ*, Settembru-Ottubru 1999 (110), 6-7.
*Il-Beatu Dumnikan Giacomo minn Varezze (c. 1230-1298), l-awtur tal-"Legenda aurea"*, Jannar-Frar 2000 (112), 6.
*It-tokki tal-ħdax ta' fil-għodu mill-kampnar tal-bażilika tagħna*, Marzu-April 2000 (113), 6.
*Il-qima lejn il-Madonna ta' Mejju fil-Bażilika ta' San Ġorġ (1)*, Mejju-Ġunju 2000 (114), 6.
*Il-ġens Anicia jew il-familja Anici li minnha ġej il-patrun tagħna San Ġorġ Megalomartri*, Lulju-Awwissu 2000 (115), 6.
*Il-qima lejn il-Madonna ta' Mejju fil-Bażilika ta' San Ġorġ (2)*, Lulju-Awwissu 2000 (115), 7.
*Il-qima lejn San Lazzru fil-Bażilika ta' San Ġorġ*, Novembru-Diċembru 2000 (117), 6.





**Fuq:** Jgħin fil-liturġija waqt servizz Ortodoss fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, fiż-żmien meta Dun Nikol kien għadu sagristan maġġur.
**Isfel:** Ħidma għand is-Sorijiet Ta' Pompej, fejn kien iħobb imur iqaddes u kien konfessur.

# Is-sittin anniversarju tal-Leġjun ta' Marija f'Għawdex (1950-2010)

## Ir-rabta tal-bidu tal-Leġjun f'Għawdex mal-parroċċa ta' San Ġorġ fil-Belt Victoria

Alfred Grech

Vittoria, Gozo.
IO Gennajo I95o

Carissimo Signor Booker,

Con grande mio piacere desiaero informarLa che Sua Eccenza Mons. Vescovo ha dato il suo assenso perchè venga istuito nella mia Parrocchia un Praesidium della Legion of Mary": apponendo le note condizioni;cioe: A) che il Praesidiun sia sotto la cura diretta aell' Arciprete; B)che non sia di ostacolo all'Azione Cattolica,particolarmente che uno già ascritto alle Azione Cattolica non venga ammesso nel praesidium Ringrazio vivamente il Signore e la SSma Vergine che si son degnati concedere alla mia Parrocchia questa nuova grazia, dalla quale mi aspetto copioso frutto per la gloria di Dio, e per il bene anime che la Provvidenza mi ha affidate.

Ringrazio anche Lei, signor Booker, della sua attenzione, e augurandoLe frutto copioso del suo Lavoro e dei suoi Sacrifici, mi raccomando alle sue calde preghiere; e mi tenga sempre,

Devmo in Cristo servo,

Arciprete Michele Cefai

Il-Leġjun ta' Marija kellu bidu mill-iktar umli, u l-ewwel laqgħa seħħet fis-7 ta' Settembru 1921 fil-belt ta' Dublin, l-Irlanda. Fost dawk preżenti kien hemm il-fundatur, is-Serv ta' Alla Frank Duff, li mimli bl-ispirtu tad-devozzjoni vera lejn Marija, kif mgħallma minn San Alwiġi Marija Grignon de Montfort, serva ta' strument doċli f'idejn il-Verġni Mbierka biex dan il-Moviment xtered mad-dinja kollha f'qasir żmien. L-għan prinċipali tal-Leġjun ta' Marija hu t-tqaddis tal-membri tiegħu permezz tat-talb, it-tagħlim u l-appostolat.

F'Malta l-Leġjun ta' Marija daħal fl-1940. Għaxar snin wara daħal fid-djoċesi ta' Għawdex. L-E.T. Mons. Ġużeppi Pace, isqof ta' Għawdex, kien devot kbir tal-Verġni Mbierka u qal "iva" għal-Leġjun ta' Marija. Fis-7 ta' Diċembru 1949, lejlet il-festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, is-Sur Joseph Booker, li kien il-president tal-Leġjun ta' Marija f'Malta, irċieva l-ittra tant mistennija mill-Kurja ta' Għawdex fejn l-Isqof Pace ta l-permess tiegħu għad-dħul tal-Leġjun ta' Marija f'Għawdex.

Fis-sena 1949, sena qabel il-bidu tal-Leġjun f'Għawdex, il-providenza riedet li perit żagħżugħ, is-Sur Joseph Degaetano u l-mara tiegħu, miżżewġin friski, jiġu joqogħdu f'Għawdex, kawża ta' xogħol bħala perit tal-Gvern fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Kemm is-Sur Degaetano u kemm il-mara tiegħu kienu leġjunarji attivi. Lanqas laħqu rifsu f'Għawdex li ma bdewx jitħabtu kemm jifilħu ħalli jinfetaħ l-ewwel *prœsidium* tal-Leġjun fil-gżira.

Il-koppja Degaetano, li għadhom mimlijin bl-għomor, talbu appuntament ma' l-arċipriet tal-belt Victoria, li dak iż-żmien kien Mons. Mikiel Cefai, biex jitolbuh jinfetaħ l-ewwel *prœsidium*. Mons. Cefai laqagħhom bil-ferħa u flimkien iddiskutew u ppjanaw l-ewwel laqgħa ta' l-ewwel *prœsidium* fil-belt.

Bil-barka ta' l-E.T. l-Isqof Pace, dan il-*prœsidium* ġie inawgurat fil-jum tal-Ħadd 22 ta' Jannar 1950, sena Marjana u Ġubilari, f'waħda mis-swali tal-knisja arċipretali ta' San Ġorġ, taħt it-tmexxija spiritwali ta' Mons. Mikiel Cefai. Dan l-ewwel *prœsidium* kien ta' l-irġiel, u fuq ix-xewqa ta' l-istess Arċipriet Cefai ingħata l-isem ta' *Madonna ta' Fatima*. Bħala president inħatar il-Kommendatur Edgar Montanaro, li dak iż-żmien kien Kummissarju għal Għawdex, l-ogħla kariga ċivili fil-gżira. Bħala segretarju u teżorier ġew maħtura s-Sur Xuereb u l-Ispiżjar Louis Abela rispettivament. Dan il-grupp għadu jaħdem sal-ġurnata tal-lum u diversi membri huma parruċċani ta' San Ġorġ.

Mir-rekords li għandna ma nafux eżatt kemm dan l-ewwel *prœsidium* baqa' jiltaqa' f'San Ġorġ. L-indikazzjonijiet huma li dan l-arranġament kien wieħed temporanju u għalhekk kien kwistjoni ta' ġimgħat. B'daqshekk ma rridx innaqqas mill-importanza ta' dan id-dettall, anzi fil-kliem ta' Mons. Rużar Borg, fid-diskors li għamel propju fil-Bażilika ta' San Ġorġ (li deher ukoll f'waħda mill-ħarġiet ta' din il-pubblikazzjoni) biex jitfakkar il-Ġublew tad-Deheb tal-Leġjun f'Għawdex, nhar is-Sibt 22 ta' Jannar 2000, din iċ-ċirkustanza kienet waħda providenzjali.



Żjara ta' l-Arċisqof ta' Malta Mons. Mikiel Gonzi lill-post tal-Leġjun, ftit wara li beda l-Leġjun ta' Marija f'Għawdex. Mix-xellug għal-lemin jidhru (viżwalment rikonoxxibbli): Nazzarenu Calleja, Anton Farrugia, l-Arċisqof Gonzi, Mons. Anton Gauci, Edith Vella, Antoinette Azzopardi, l-Isqof Ġużeppi Pace, Rose Vella Muscat, May Vella, Edmea Tabone, Mons. Andrea Vella, Joe Psaila. Joe Zammit Ciantar, Dun Alan Fenech u Dun Ġużepp Curmi. Ir-ritratt hu meħud minn George Gauci.

Mons. Borg kien għamel xebh interessanti: "San Ġorġ biddel is-servizz tiegħu minn kavallier ta' l-imperu għal kavallier ta' Kristu; hekk ukoll kull Leġjunarju ta' Marija bħal San Ġorġ irid jikkumbatti bil-ħila u bl-eroiżmu kontra l-ħażen u d-dnub. U jkun lest bħal San Ġorġ li jċedi ġidu, karriera u saħansitra ħajtu biex jeqred id-dnub mill-umanità kollha. Iva, dan hu l-ideal imfisser tant ċar mill-ewwel versi tal-*Manwal* tagħna u lejh irridu nimmiraw biex naraw il-Knisja ta' Kristu meħlusa minn kull tebgħa bħax-xebba li salva San Ġorġ!".




Il-lum, bl-appoġġ qawwi tal-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, isqof emeritu ta' Għawdex, u iktar reċenti ta' l-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex, bl-għajnuna u l-interess ta' ħafna arċiprieti, kappillani u saċerdoti, u bid-dedikazzjoni ta' ħafna membri lajċi, il-Leġjun ta' Marija jinsab f'kull parroċċa f'Għawdex. Fost dawn is-saċerdoti u lajċi kien hemm diversi mill-parroċċa ta' San Ġorġ li taw u għadhom jagħtu servizz mill-aqwa fil-Leġjun ta' Marija, kemm fuq livell parrokkjali u kemm fuq dak djoċesan. Ħafna huma impenjati fil-Liturġija, oħrajn fix-xandir u t-tqassim tal-Vanġelu permezz tal-*media*, oħrajn fiż-żjajjar fid-djar, każini, kliniċi u l-isptar, u oħrajn fit-tagħlim taż-żgħar. Żgur li dawn ħutna Leġjunarji ħadu mill-ispirtu mħeġġeġ ta' San Ġorġ biex ikunu ħmira fil-komunità u dawl għal ħuthom il-bnedmin!

*Il-parti l-kbira ta' dan l-artiklu ttieħdet mill-kontribuzzjoni ta' Anton Farrugia li ġiet ippubblikata fil-ktieb ta' tifkira tal-Ġublew tad-Deheb tal-Leġjun. Sar xi adattament żgħir minn Alfred Grech. Ara wkoll:* AWTURI VARJI, Il-Ġublew tad-Deheb tal-Leġjun ta' Marija f'Għawdex 1950-2000, *Malta 2003.*

**Alfred Grech** hu eks-president tal-*Comitium* ta' Għawdex, u l-lum huwa l-president tal-Kumitat tal-*Peregrinatio pro Christo* kif ukoll ta' żewġ *præsidia* tar-rġiel u tat-tfal rispettivament.

## *L-ewwel tifkiriet...*

jirrakkontaw
Joe u Dorothy Degaetano



Nixtieq immur lura ħafna snin, jiġifieri f'Jannar 1950, meta Dorothy u jien tlaqna għal Għawdex minn San Pawl il-Baħar f'maltemp qawwi. Dorothy poġġiet sieq mil-lanċa għal fuq il-*Banċinu*, imma dan stakka, u fil-pront il-Perit Carm Fenech (assistent direttur tal-PWD), ħelisha minn traġedja. U b'hekk sar miraklu tal-Madonna! Sewwa jgħidulha Għawdex: il-Madonna "tal-Mirakli".

Fil-belt Victoria, bl-approvazzjoni ta' l-Isqof Ġużeppi Pace, laqgħuna Mons. Mikiel Cefai u l-Kummissarju Edgar Montanaro, li aċċetta li jkun l-ewwel diriġent ta' l-ewwel *præsidium*, il-Ħadd 22 ta' Jannar 1950, fil-knisja ta' San Ġorġ, ir-Rabat. Komplejna nltaqgħu kull ġimgħa fil-*præsidium Madonna ta' Fatima*, sakemm Sander u Edmea Tabone ħadu t-treġija tal-Leġjun ta' Marija.

Jien komplejt bħala segretarju tal-*præsidium Madonna ta' Fatima*. Kif kien miftiehem ma' Bro. Joseph Booker, Bro. Bisazza u Dorothy, bl-approvazzjoni ta' Mons. Cefai, fetaħ l-ewwel *præsidium* tan-nisa, *Madonna Ta' Pinu*, fl-iskola tal-Franġiskani, fit-8 ta' Marzu 1950. Il-membri, irġiel, nisa u xebbiet, komplew ġejjin is-sena kollha, sakemm Sander u Edmea ħadu t-treġija soda f'idejhom kif kien miftiehem ma' Bro. Booker u Bro. Bisazza.

Meta ġie ż-żmien li kellna nitilqu għall-Ingilterra, f'Settembru 1950, biex inkompli nistudja fil-qasam tas-*Civil Engineering & Sanitary Energy*, il-Leġjun ta' Marija f'Għawdex kien fl-idejn sodi ta' Sander u Edmea.

**Xi statistika tal-Leġjun ta' Marija f'Għawdex fl-aħħar ta' l-2009**

| | |
|---|---|
| *Præsidia* tal-kbar (18+) | 69* |
| Membri attivi kbar (18+) | 519 |
| Membri Awżiljarji | 4383 |
| *Præsidia* taż-żgħar (10-17) | 45 |
| Membri attivi żgħar (10-17) | 278 |
| Gruppi taż-żgħar (taħt l-10) | 20 |
| Numru ta' membri ta' età bejn 14 u 30 | 100 |

* 21 irġiel, 44 nisa, 4 imħalltin

**Presidenti tal-Leġjun ta' Marija (tal-*Comitium*) f'Għawdex (1950-2010)**

| | |
|---|---|
| Alexander Tabone (Victoria) | 1951-1957 |
| Paul G. Zammit (Victoria) | 1957-1958 |
| Nazzareno Calleja (ix-Xewkija) | 1958-1964 |
| Paul G. Zammit (Victoria) | 1964-1967 |
| Joseph Pace (Ta' Kerċem) | 1967-1973 |
| Felicia Saliba (Ta' Sannat) | 1973-1979 |
| Peter Bartolo (ix-Xagħra) | 1979-1985 |
| George Gauci (Victoria) | 1985-1986 |
| Nazzareno Calleja (ix-Xewkija) | 1986-1992 |
| Carmel Grech (Victoria) | 1992-1998 |
| Alfred Grech (il-Munxar) | 1998-2004 |
| Carmelo Bajada (ix-Xagħra) | 2004-2010 |
| Grezzju Cauchi (l-Għarb) | 2010- |

(Il-karigi ta' l-uffiċċjali fil-Leġjun, barra tad-direttur spiritwali, huma għal sitt snin).

**DETTALJI**

| | |
|---|---|
| Indirizz postali: | Post tal-Leġjun, Pjazza Santu Wistin, Victoria. |
| Telefon: | 21556385 |
| Sit elettroniku: | www.gozolegion.org |
| Indirizz elettroniku: | gozolegion@gmail.com |

***Il-bibien tal-Leġjun ta' Marija huma miftuħa għalik ukoll.***



# TISLIBA

## Mimdudin

3 F'kull kunsill lokali ssib wieħed. (6)
6 Kelma oħra għal librerija. (11)
9 Hemm twieled Newman. (6)
10 Fix-Xitwa minnu tistenna. (7)
13 Ħadem kemm felaħ. (6)
14 Strument ta' l-orkestra. (6)
15 Dan importanti fil-mużika. (8)
19 Pajjiż Ewropew. (10)
22 Użanza. (6)
23 Fl-għoli tal-ġerarkija tal-Knisja. (8)
24 Numru. (6)
25 Għamla ta' poeżija. (6)
26 Fjura. (7)
27 Materjal użat fil-bini. (7)

## Weqfin

1 Belt fl-Irlanda. (6)
2 Aġġettiv. (4)
3 Inħobbuh għall-baħar. (4)
4 Parti essenzjali mill-ġisem. (4)
5 Kunjom minn tal-bidu. (6)
7 M'hux permanenti. (10)
8 Dun Nikol kellu waħda tal-kotba. (11)
11 Ta' żmienna. (6)
12 Ilsien popolari. (6)
13 Kull knisja għandha bħalu. (9)
16 Post fi Franza. (4)
17 L-iqsar xahar. (4)
18 Kunjom il-Prim Imħallef ta' Malta fi żmien Newman. (8)
20 Kien hemm tnax minnhom. (8)
21 Ftehim. (4)
23 Sew li l-bniedem jitħabbeb magħhom. (5)

**Premju:** *Aġjografija Ġorġjana*, ktieb interessanti fuq il-ħajja ta' San Ġorġ, miktub mill-Arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia.



**Ibagħtu t-tisliba maħduma flimkien mad-dettalji tagħkom f'dan l-indirizz: *Tisliba – Il-Belt Victoria*, Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ, Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex, jew inkella permezz ta' email lil *neville@sangorg.org*, sa mhux aktar tard mis-Sibt 18 ta' Diċembru 2010.** Ma jiġux aċċettati tislibiet maħduma fuq il-ġurnal stess. Ir-rebbieħ/a jitħabbar fil-ħarġa li jmiss, flimkien mar-riżultati t-tajba.

**Riżultati tat-Tisliba ta' Lulju-Awwissu 2010:** Ir-rebbieħa hi **Josephine Gambin**, Nru 14, Flat 2, Fontana Flats, Triq ta' l-Għajn, Fontana FNT 9021, Għawdex.

**MIMDUDIN:** 4) altare; 7) inkomparabbli; 10) Firenze; 12) websajt; 15) novena; 18) armar; 19) nefqa; 20) Fontana; 22) inbid; 23) manuskritt; 25) arkivju; 26) terrakotta; 27) kapolavur; 28) irqaqat. **WEQFIN:** 1) vjolin; 2) timbru; 3) djaknu; 5) tubru; 6) sentimenti; 8) ktejjeb; 9) Bezzina; 11) qaddejja; 13) tqarbin; 14) megalomartri; 16) Kalabrja; 17) pontifikal; 21) tlettax; 22) Italja; 24) Lulju.

## Mużew tagħna - Mużew għal kulħadd | 9
LEJN TWETTIQ TA' ĦOLMA

*Antoine Vassallo*
vasanti@maltanet.net

# "il-bini għandu jintemm qabel l-aħħar tas-sena"

*...jaqbad mill-qoxra ta' quddiem*

oġġetti. L-intenzjoni tagħna hi li jkollna ċentru "modern": modern għax ibbażat fuq kriterji aġġornati; modern għax juża mezzi multimedjali u elettroniċi; modern għax irid joffri esperjenza sħiħa lill-viżitatur. Irridu li kull min iżurna – tkun xi tkun l-età u l-estrazzjoni kulturali – joħroġ jistagħġeb, bi proponiment li ma jikkuntentax bi żjara ta' darba! Qegħdin nagħmlu l-almu kollu biex, iżurna min iżurna, kulħadd japprezza iktar l-għeruq li għaġnu l-identità Għawdxija.

Allura allokajna ftit flus mhux ħażin għad-disinn. F'din il-kelma inkludejna d-disinn ta' l-illuminazzjoni, id-disinn ta' l-istil ta' l-esibiti u saħansitra d-disinn ta' websajt li tinħass imwaħħda maż-żjara "fiżika"! Iktar kmieni din is-sena konna stedinna l-espressjonijiet ta' interess: kien hemm kważi għoxrin li rrispondew, u bqajna impressjonati bil-livell tal-proposti. Sfortunatament inqalgħalna intopp regolatorju; għalkemm ħassejna li kellna raġun, iddeċidejna li flok noqogħdu nħaqquha – u naħlu l-ġimgħat – noħorġu offerta ġdida. Wara li ċċekkjajna sew mal-*PPCD*, ir-reklam deher fis-26 ta' Settembru 2010 u sa minn dak in-nhar stess bdew jiktbuli biex nibgħatilhom l-informazzjoni sħiħa. Ħejjejna dokument ta' qrib għoxrin paġna ppakkjati bid-dettalji kollha ta' xi rridu u x'nistennew, flimkien mal-pjanti. L-interess kien qawwi: saħansitra sa lejlet id-data ta' l-għeluq bqajt nirċievi minn persuni u ditti jistaqsu!

Sa nofs in-nhar tal-15 ta' Ottubru waslulna (b'email jew f'kopja fiżika) tliet offerti minn ditta barranija u tnejn Maltin; u t-tlieta jidhru interessanti! Għalhekk id-deċiżjoni nimmaġinaha li m'hix sa tkun faċli għall-bord ta' l-għażla; iżda nittamaw li tkun tista' titħabbar qabel ħarġa oħra.

Iktar 'il fuq semmejt lill-*PPCD*. Kif suppost s'issa tafu, din hi d-diviżjoni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru responsabbli mill-amministrazzjoni tal-proġetti bil-fondi strutturali ta' l-Unjoni Ewropea. Il-mużew tagħna sa jgawdi minn dawk għall-iżvilupp reġjonali: 85% ta' l-ispejjeż eliġibbli jitħallsu minnhom, kif anki jidher fil-partijiet "stabbli" ta' din il-paġna. Il-lum qegħdin taraw sigla ġdida għax, kif kien qalilna Dr Chris Said fis-serata tal-Preżentazzjoni, is-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika aċċetta l-applikazzjoni tal-*Fondazzjoni Belt Victoria* biex ningħataw għajnuna mill-Fond ta' Ko-Finanzjament għal xogħol bħal dawn. M'hemmx għaliex nenfasizza kemm apprezzajna l-fatt li t-talba tagħna ntlaqgħet!

Ir-rikonoxxenza tagħna tmur għal kull min jagħti sehmu; meta tlaħħaq eluf sostanzjali, ir-ringrazzjament bilfors jikber. Dawn jingħaqdu ma' l-għotjiet minn tant individwi – minn ftit ewro sa figuri ta' erba' ċifri – li tant jagħmlulna kuraġġ li nkomplu nirsistu. Iva, nistednukom tidħlu membri għal għomorkom fil-*FBV*: b'€150, anki mhux f'daqqa, takkwistaw sehem li ma jintesiex f'din l-avventura... u tgawdu minn bosta benefiċċji, fosthom kopja tal-ktieb fi preżentazzjoni mill-aqwa tat-traduzzjoni ta' Mons. Farrugia Gioioso ta' l-opra ta' l-istoriku De Soldanis fuq gżiritna, u tessera li tippermetti dħul b'xejn fil-mużew għal dejjem. Kellmu lili, lill-Kordinatur l-Arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia, jew lil xi ħadd ieħor minna. Tistgħu ukoll tiddepożitaw f'dawn il-kontijiet bankarji:

**APS:** 20000866897 **BOV:** 40018670408
**HSBC:** 071227912001 **LOMBARD:** 0117460034501





Programm Operazzjonali I – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
*Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar*
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF)
Rata ta' Kofinanzjament: 72.25% Fondi UE; 12.75% Fondi Nazzjonali; 15%NGOs
***Ninvestu fil-futur tagħna***

# ROKNA għat-tfal



Għeżież tfal,

Kif intom? Nittama li tinsabu tajbin! Nittama wkoll li sa ma din il-pubblikazzjoni tagħna tasal f'idejkom, tkunu ssetiljajtu l-iskola u drajtu l-ambjent ġdid. Bla dubju dawk fostkom li issa qegħdin il-Liċew *Ninu Cremona* min jaf kemm jinsabu ferħanin li sabu ruħhom fi skola ġdida fjamanta! Veru xortikom tajba! Naturalment, li ssib ruħek fi skola sabiħa u komda hija ħaġa tassew tajba; imma dan m'hux biżżejjed. Issa importanti li intom tistudjaw u twaħħlu moħħkom hemm, għax il-ġebel ma jagħmilx l-iskola. Tridu tkunu intom li tagħtu kas; u dan jgħodd għall-istudenti kollha. Biex tgawdi trid tbati, u allura ħarsu 'l quddiem b'ottimiżmu u kuraġġ. Għin ruħek biex Alla jgħinek! Ibżgħu dejjem għall-ambjent fejn tkunu, għax l-iskola hija t-tieni dar tagħkom fejn tgħaddu tista' tgħid terz tal-ġurnata. Agħmlu x-xogħol ta' l-iskola bil-għaqal u mhux ta' kafkaf, għax, kif jgħid il-Malti, li tiżra' taħsad fil-ħajja!

Issa ninsabu fil-Ħarifa u t-temp m'għadux dak li kien. Spiċċa wkoll il-ġiri barra u bdew anki l-laqgħat tad-duttrina, tal-Leġjun ta' Marija, tal-*Museum*, ta' l-Oratorju, u forsi kultant xi siegħa privat ikun hemm bżonnha wkoll! Araw li ssibu ħin għal kollox. Min hu bil-għaqal ma jitlef xejn. Kemm minnkom, tgħid, isibu ħin jirfsu l-għatba tal-Librerija li għandna fejn San Franġisk! Il-kotba ta' l-iskola m'humiex biżżejjed; ftit *supplimentary reading* jagħmlilkom ħafna ġid. Anki t-talb u l-Quddiesa naf li ħafna minnkom ma jitilfuhom qatt! Wara l-kantuniera hemm il-festi ta' l-Erwieħ u tal-Qaddisin kollha, u niesna għandhom id-drawwa sabiħa li matul Novembru jżuru ċ-ċimiterju u jitolbu għall-mejtin tagħna kollha. Intom ukoll araw li titolbu għal dawk li ħallewna, u jekk issibu ħin iżżuru ċ-ċimiterju ma tkunux qed tagħmlu ħażin.

Bla dubju, kif jgħadċi x-xahar ta' Novembru, ix-xahar ta' l-Erwieħ, jitfaċċa Diċembru, li ħafna jqisuh bħala l-isbaħ xahar tas-sena għax matulu tiġi l-festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, dik ta' Santa Luċija u fl-aħħar dik tal-Milied. Hawnhekk fir-Rabat lill-Kunċizzjoni jagħmlulha festa sabiħa u kulħadd jistenniha bil-ħerqa. Il-Patrijiet għandhom knisja sabiħa u beltna tintrama sew bl-armar sabiħ tal-festa. Ma jonqsux il-banda, iċ-ġiġġifogu u l-funzjonijiet sbieħ fil-knisja. Fil-Qala wkoll issirilha festa sabiħa, u f'Bormla mhux b'inqas! Mela ejjew nibdew minn issa nħejju ruħna għal dawn il-festi hekk għeżież. Għandi dubju qattx mortu għall-festa ta' Santa Luċija! Taf kemm jagħmlulha festa sabiħa, għalkemm l-ispirtu tal-Milied ikun beda jinħass sewwa! Morru żuruha lil din il-qaddisa protettriċi tad-dawl t'għajnejna Lill-Immakulata ċert li tmorru tarawha u tgawdu l-festa tagħha, għax din tinsab fiċ-ċentru tal-belt tagħna. U ma niskantax jekk xi wħud minnkom bdew jaħsbu għall-ġulbiena, biex 'il quddiem inqegħduha quddiem il-presepju, li araw li tibnuh u tqegħduh fit-tokk ta' darkom. Din is-sena l-*Għaqda Ħbieb tal-Presepju Għawdex-Malta* (1985) qed tagħlaq ħamsa u għoxrin sena. Din twaqqfet biex tħeġġeġ lill-familji kollha biex jibnu l-presepju fi żmien il-Milied.

*Iz-Ziju Joe*

## KOMPETIZZJONI

**Kompli dawn il-qwiel:**

- Bejn il-Qala u l-Milied...
- Fil-Milied il-lewż...
- F'Santa Katrina, il-Milied...
- Fil-Milied nieklu...
- F'San Martin inkissru l-lewż;...
- Fil-Milied iż-żiemel...

Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom liz-Ziju Joe, 11/"Marjos", Triq Sir Paul Boffa, Victoria VCT 2111, Għawdex. Żmien għandkom **sas-Sibt 18 ta' Diċembru 2010**. Fost dawk li jirbħu jitla' ktieb bix-xorti ġentilment mogħti mill-*Klabb Kotba Maltin*.

## SKRIN ĠDID GĦALL-PASTORALI



Fl-aħħar xhur l-Uffiċċju Parrokkjali qed jieħu bosta inizjattivi biex itejjeb il-ħidma pastorali tal-parroċċa, speċjalment mat-tfal tagħna. Eżempju ċar ta' dan hu l-organizzazzjoni tal-Quddiesa tat-Tfal, in-Noveni tal-Milied u ta' San Ġorġ, kif ukoll l-Eżerċizzi tar-Randan, flimkien ma' attivitajiet oħra għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ. Il-formazzjoni tajba tal-lajċi kif ukoll il-fiduċja li tintwera fl-għajnuna tagħhom spiss isarrfu f'ġid kbir għall-komunità kollha, kif jidher minn dan l-isforz kollettiv li wassal lil ħafna tfal, imma wkoll lill-ġenituri u l-qraba tagħhom, biex jinġibdu iżjed lejn il-ħajja attiva tal-parroċċa.

L-aħħar f'sensiela ta' inizjattivi prattiċi kienet propju x-xiri ta' *MaxWhite White Portable Screen* (136"[1:1]) għall-parroċċa, biex jintuża ma' *projector* li għad irid jinxtara u li diġà daħlu xi donazzjonijiet għalih. Biex nixtru *projector* tajjeb għandna bżonn qrib l-€1,000! L-iskrin, ta' daqs tassew kbir, inxtara bl-għajnuna ta' flus li daħlu mill-BBQ organizzat għat-tfal fis-Sajf (€200), kif ukoll b'għotja oħra ġeneruża mill-fond tal-Kor *Laudate Pueri* (€80). Issa sa jservina f'ħafna attivitajiet li nagħmlu, u mhux biss għaż-żgħar...

Waqt li nirringrazzjaw lil dawk li għenu, inkunu grati lejn iktar benefatturi li jinteressaw ruħhom li jgħinu lill-parroċċa tinvesti f'dawn l-għodod utli għall-ħidma pastorali tagħha.



Qaddisin "Ġorġjani"
RABTIET MAL-KULT TAL-PATRUN TAGĦNA
U MA' DAN IT-TEMPJU DDEDIKAT LILU

29

*Antoine Vassallo*
vasanti@maltanet.net

# Il-Beatu Pietru ta' Metz

## (tifkira liturġika fit-2 ta' Lulju)



Kif spjegalna Anton Farrugia fil-ktejjeb tal-festa (Sajf 2010) maħruġ mis-Soċjetà *La Stella*, il-kardinali mal-ħatra jingħataw it-"titlu" ta' knisja f'Ruma, għar-raġuni li oriġinarjament il-korp tal-kleru tal-belt kien jagħżel lill-Papa bħala Isqof ta' Ruma. Il-Beatu Pietru kellu "responsabbiltà" tal-Bażilika ta' San Giorgio al Velabro, ovvjament waħda mill-iktar prominenti.

Pietru kien it-tieni mis-sitt ulied ta' Gwido, konti ta' Ligny-en-Barrois (*de Luxembourg*, Lützelburg jew Lussemburgu), iżda safa orfni minn missieru ta' sentejn u minn ommu ta' erbgħa. Wara li zitu ħadet ħsiebu għal xi erba' snin, mar Pariġi jitgħallem fil-kulleġġ universitarju ta' Navarra taħt il-famuż teologu Pierre d'Ailly, li tħabbeb miegħu u ħa ħsiebu sew. Laħaq kanonku f'diversi kapitli u anki arċidjaknu. Ta' tnax mar bħala ostaġġ flok ħuh maqbud mill-Ingliżi, sa x'ħin tħallas il-prezz tal-fidwa; tant impressjonahom bi qdusitu li ftit żammewh, għax qagħdu fuq kelmtu li l-flus jaslu. Jingħad li r-Re Rikkardu II saħansitra pprova jħajru jibqa' fil-qorti miegħu!

Ftit wara ntgħażel isqof tad-djoċesi Franċiża ta' Metz; dawk iż-żminijiet karigi u unuri ta' età żgħira ma kinux ħaġa rari jew stramba, anki minħabba li l-biċċa l-kbira tal-poplu kienu jmutu kmieni. Kompla "miexi", għax Klement VII għamlu kardinal, appuntu bit-titlu tal-Velabro, u allura nistgħu ndaħħluh bi dritt fost il-"qaddisin Ġorġjani". Dan Klement (Robertu ta' Ġinevra) hu magħdud bħala antipapa, għax eleġġewh il-kardinali Franċiżi kontra l-Papa Urbanu VI, li ħa lura lejn Ruma s-sede pontifiċja minn Avignon. Kienet epoka mqallba ferm: "ix-Xiżma tal-Punent", li ma ħarġitx minn twemmin differenti iżda minn nuqqas ta' qbil fuq min hu l-Vigarju leġittimu ta' Kristu, ma ntemmitx qabel l-1417 meta reġa' kellna Papa wieħed aċċettat minn kulħadd. Fil-fatt inħatar isqof ieħor għal din id-djoċesi importanti min-"naħa" ta' Urbanu, u kellhom jidħlu s-suldati, fosthom ta' wieħed minn ħut Pietru!

Minkejja dan kollu, Pietru kien riformatur għaqli tad-djoċesi tiegħu; ovvjament, peress li ma kienx irċieva l-ordinazzjoni, kien jiddelega l-Quddies u s-sagramenti lis-saċerdoti! Akkwista isem sabiħ ta' qdusija personali, mibnija fuq it-talb u l-penitenza: għalkemm ta' demm nobbli (ommu Mahaut de Châtillon kienet kontessa ta' Pol, u kien saħansitra jiġi mir-Re Karlu VI), ma jidhirx li għażel xi stil ta' ħajja lussuża. Tant kien iqassam karità li ftit li xejn kien baqagħlu għalih. Nistgħu nitgħallmu minnu li l-kontroll fuqna nfusna hu essenzjali f'kull stat tal-ħajja. Sfortunatament ftit laħaq mexxiha d-djoċesi għax kellu jaħrab minn Metz u, imsejjaħ minn Klement, mar Avignon fejnu. Baqa' f'ħajja awstera: kien "twajjeb" wisq għal perjodu bħal dak; nistgħu ngħidu li forsi żbalja fl-għażla politika – u ma nafx kemm kienet deċiżjoni ħielsa għax l-Insara Franċiżi kollha, inkluż l-"għaref" San Vinċenz Ferreri, aċċettaw lill-"Franċiż" Klement – iżda żgur mhux fl-aspetti morali! Stinka għalxejn biex iġib l-għaqda; kien jgħid: "Il-Knisja tal-Mulej jeħtiġilha iktar talb u sagrifiċċju; nagħmlu opri tajba biex niġbdu l-ħniena ta' Alla". Il-mard żammu milli jkompli jirsisti sabiex jikkonvinċi għall-paċi lir-rejiet ta' Franza u l-Ingilterra. Saħħtu ħallietu għal kollox u miet fit-2 ta' Lulju 1387 fil-monasteru tal-Kartużjani, l-ordni mwaqqaf minn San Bruno, fil-belt viċina ta' Villeneuve-lès-Avignon. Skond xewqtu, difnuh fiċ-ċimiterju "tal-fqar" iddedikat lil San Mikiel; wieħed minn ħutu bena knisja, iddedikata lil San Ċelestinu V, u kunvent fuq qabru, iżda ħafna mir-relikwi tferrxu waqt ir-Rivoluzzjoni Franċiża: għad hemm xi ħaġa l-iktar f'żewġ knejjes f'din il-belt, St Didier u Saint-Pierre.

Fil-pitturi jħobbu juruh fejn il-Verġni Mbierka, anki peress li ħadem biex daħħal il-festa tal-Preżentazzjoni tagħha, jew bil-Kurċifiss, għax kien devot kbir tal-Passjoni, tant li jingħad li rċieva viżjoni. Għalkemm mill-ewwel tfaċċaw stejjer fuq qdusitu u mirakli bl-interċessjoni tiegħu, ma ġiex ibbeatifikat qabel l-1527, ironikament mill-Papa "veru" Klement VII, imħeġġeġ minn bosta persunaġġi, inklużi l-padri tal-Konċilju ta' Bażilea. Sentejn wara mewtu, Klement l-antipapa kien fil-fatt beda l-proċess fuq talba ta' Pierre d'Ailly, li sadattant sar hu wkoll kardinal. Inżid li hemm iktar minn kardinal wieħed fl-arblu tar-razza tal-Beatu Pietru. Jirrakkuntaw li fl-1432 waqa' tifel mit-torri tal-palazz ta' Avignon: miet tal-kolp għax ġie fuq blata ppuntata u rasu tfarrket. Missieru ma qatax jiesu: ġabar il-biċċiet u ħadhom f'riġlejn xbihet Pietru, u ibnu reġa' ngħata l-ħajja. Tant impressjonat din il-ġrajja li l-belt għażlitu bħala patrun. Dan il-miraklu tpitter ftit wara fid-*Duomo* tal-belt Taljana ta' Ivrea. U hemm diversi djoċesijiet li jiffesteġġjaw 'il-Beatu Pietru ta' Lussemburgu. Fost id-devoti lejh jissemma San Franġisk de Sales. Fl-1629 Urbanu VII ta lill-Kartużjani l-jedd li jqaddsulu u jgħidulu l-Uffizzju f'nharu.

# Mid-Djarju Parrokkjali

KRONAKA TAL-PARROĊĊA

Awwissu - Settembru 2010



*Andrew Formosa*
andrew@ilbeltvictoria.org

**1 ta' Awwissu**
Il-qniepen tal-Bażilika Ġorġjana daqqew biex ifakkru l-ħamsa u ħamsin anniversarju tas-Separazzjoni bejn il-parroċċa ta' San Ġorġ u l-arċipresbiterat tal-Katidral ta' l-Assunta, b'digriet ta' l-Isqof ta' Għawdex Mons. Ġużeppi Pace,

**6 ta' Awwissu**
**09.00am:** Fl-assenza ta' l-Isqof Grech, li kien imsiefer, l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa konċelebrazzjoni solenni bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru fis-solennità Lateranensi tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej.

**12 ta' Awwissu**
**Wara nofs in-nhar:** Fl-Isptar *Mater Dei*, f'Tal-Qroqq, fl-età ta' 79 sena, miet il-President emeritu tar-Repubblika ta' Malta l-Prof. Guido de Marco li kien ħabib u benefattur kbir tal-komunità parrokkjali Ġorġjana. Sar talb għalih fil-Quddies u rappreżentazzjoni tal-kapitlu Ġorġjan, immexxija mill-Arċipriet, ħadet sehem fil-funeral statali li sarlu fil-Konkatidral ta' San Ġwann it-Tnejn 16 ta' Awwissu.

**15 ta' Awwissu**
**09.00am:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa konċelebrazzjoni solenni bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru fis-solennità tal-Verġni Mqaddsa Marija Mtellgħa s-Sema.

**18 ta' Awwissu**
**Fil-għodu:** Id-djaknu Samuel Grech, megħjun mill-vigarju parrokkjali Mons. Feliċ Tabone, mexxa ħarġa f'Kemmuna għall-abbatini u l-Grupp tal-Vokazzjonijiet tal-parroċċa.

**28 ta' Awwissu**
**10.30am:** Ġiet organizzata mawra mal-kosta ta' Għawdex u Kemmuna għat-tfal u l-adolexxenti tal-parroċċa bl-inizjattiva ta' l-Uffiċċju Parrokkjali. Kien hemm ħin ukoll għal min xtaq jgħum.

**31 ta' Awwissu**
Wara waqfien ta' diversi xhur minħabba xi kumplikazzjonijiet legali, issokta b'ritmu tajjeb ix-xogħol fuq is-sit tal-bini tal-mużew storiku u ċentru kulturali tal-*Fondazzjoni Belt Victoria*. Ix-xogħol ta' skavar, pedamenti u bini ġie fdat f'idejn il-Perit Salvu Micallef u l-imgħallem bennej Anton Vella flimkien mal-ħaddiema tiegħu.

**4 ta' Settembru**
**07.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa l-kapitlu Ġorġjan fil-funzjoni ta' l-ewwel jum tat-Tridu fil-Bażilika tat-Twelid tal-Verġni Marija, fix-Xagħra, fuq stedina mill-kapitlu ta' l-istess raħal.

**6 ta' Settembru**
**06.00pm:** Tfakkar it-tnejn u ħamsin anniversarju mill-għoti tat-titlu ta' bażilika lill-knisja protoparrokkjali ta' San Ġorġ. Fil-Quddiesa tas-6.00pm l-Arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia għamel ħsieb sabiħ fuq dan l-anniversarju u fi tmiem l-adorazzjoni Ewkaristika tkanta l-innu tat-*Te Deum* bħala radd il-ħajr lil Alla. Sar talb ukoll għall-vittmi tat-traġedja ta' l-isplużjoni ta' kamra tan-nar fl-Għarb, li seħħet il-Ħadd ta' qabel, u l-familjari tagħhom.



**11 ta' Settembru**
**06.00pm:** Fil-kjostru tad-dar parrokkjali l-Prof. Joseph Vella u l-Kan. George J. Frendo, f'isem il-kumitat tal-*Victoria International Arts Festival*, għaddew donazzjoni ta' flus lill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona bħala kontribuzzjoni mid-dħul tal-festival għall-manutenzjoni tal-bażilika.

**08.00pm:** Il-parroċċa offriet l-ikla tradizzjonali annwali lid-diriġenti u l-bandisti tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella*, fid-dar parrokkjali.

**12 ta' Settembru**
**07.00am:** Bdiet l-iskeda sħiħa għall-ftuħ tas-sena soċjali u pastorali fuq l-istazzjon tar-radju komunitarju tal-parroċċa *Leħen il-Belt Victoria.*

**14 ta' Settembru**
**06.30pm:** Fl-okkażjoni tal-festa liturġika u parrokkjali tas-Santissmu Kurċifiss, il-Kan. George Debrincat mexxa Għasar solenni fil-Kappella tal-Kurċifiss u tas-Sagrament Imqaddes, bis-sehem tal-membri tal-Fratellanza tas-Santissmu Kurċifiss.
**07.00pm:** Il-Kanonku Debrincat mexxa Quddiesa solenni bis-sehem ta' l-istess fratelli, b'omelija fuq il-festa ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes, u li fi tmiemha sar il-bews tar-relikwa tal-Verulinju.

**15 ta' Settembru**
**06.00pm:** Fil-jum tal-festa liturġika tad-Duluri l-Kan. Ġwann Mercieca mexxa Quddiesa kantata bl-omelija.

**20 ta' Settembru**
**06.30pm:** L-Arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa l-kant solenni ta' l-ewwel Għasar tas-solennità tad-Dedikazzjoni tal-Bażilika Ġorġjana.

**21 ta' Settembru**
**09.00am:** L-E.T. Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex u dekan tal-kolleġġjata, mexxa pontifikal solenni bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, fis-solennità tal-255 anniversarju mid-Dedikazzjoni tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ.
**06.30pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa t-tieni Għasar fis-solennità tad-Dedikazzjoni. Kienet l-aħħar funzjoni tad-djaknu Simon M. Cachia fil-bażilika, qabel telaq lejn Ruma għal iktar studji u esperjenza pastorali.



**22 ta' Settembru**
**07.30pm:** Id-djaknu Samuel Grech u l-vigarju parrokkjali Mons. Feliċ Tabone ħadu lill-abbatini u l-membri tal-Grupp tal-Vokazzjonijiet għal pizza r-Ramla.



**23 ta' Settembru**
**06.30pm:** Il-Kor *Laudate Pueri* kien mistieden mill-Assoċjazzjoni Maltija ta' l-Ordni ta' San Ġwann biex jieħu sehem fil-festa tradizzjonali tal-Bambin ta' Praga li saret fil-knisja tal-Vitorja, il-Belt Valletta.
**08.00pm:** Fir-refettorju tad-dar parrokkjali, il-parroċċa offriet ikla lill-istudenti tal-Propedewtika u ta' l-ewwel sentejn fis-Seminarju Maġġuri.

**24 ta' Settembru**
**08.00pm:** L-Uffiċċju Parrokkjali organizza *Pasta Night* fuq il-bejt tad-dar parrokkjali bħala *fund-raising* għall-parroċċa.

**26-28 ta' Settembru**
**06.00pm:** L-Arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa l-Quddiesa u ppriedka fit-tlett ijiem tat-Tridu bi tħejjija għall-festa parrokkjali ta' San Mikiel. L-istatwa tal-qaddis intramat bħas-soltu għall-qima tal-fidili fil-korsija tal-bażilika.

**29 ta' Settembru**
**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa konċelebrazzjoni solenni fil-festa parrokkjali ta' San Mikiel bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, u tal-kor tal-bażilika *Laudate Pueri.*

**Fl-aħħar jiem ta' Settembru** fl-uffiċċju parrokkjali saret ir-reġistrazzjoni tat-tfal kollha tal-parroċċa li jattendu fiċ-ċentri tad-duttrina f'beltna. Din hi miżura ġdida li ttieħdet f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Kateketika tad-djoċesi, bl-għan li l-parroċċa jkollha aktar tagħrif fuq min huma t-tfal tagħha.

# XOGĦOL ID-DJAKNU HU LI JIBNI ĦAJTU U ĦAJJET ĦADDIEĦOR FUQ IL-KELMA

***Messaġġ minn Simon Mario Cachia, żagħżugħ mill-parroċċa ta' San Ġorġ li ġie ordnat djaknu nhar il-Ħadd 20 ta' Ġunju 2010***


Ritratt: John Cordina

Sa mill-ewwel żminijiet tal-Kristjaneżmu l-Knisja ħasbet biex lill-membri tagħha, speċjalment lil dawk batuti u emarġinati, tagħtihom lid-djaknu biex ikun qaddej tagħhom. L-ewwel djakni tal-Knisja, li ġrajjiethom huma mnaqqxa fil-ktieb ta' l-Atti fl-Iskrittura, mhux biss kienu jaqdu fl-imwejjed, jiġifieri jaqdu lill-batuti fil-ħtiġijiet materjali tagħhom, imma fuq kollox kienu jgħinu lill-Knisja fix-xandir ta' l-Aħbar it-Tajba. Hekk għamel id-djaknu Filippu, wieħed mis-seba' djakni li ġew ordnati mill-Appostli, meta ltaqa' mal-qaddej mill-Etjopja. Hekk għamel Stiefnu meta ġie mistoqsi fuq it-tagħlim li kien qed jgħallem u, mhux biss ħabbar il-Vanġelu, imma ta xhieda għalih saħansitra bit-tixrid tad-demm.

Id-don tad-djakonat li jien irċivejt fl-20 ta' Ġunju li għadda minn idejn l-isqof, is-suċċessur ta' l-Appostli fi gżiritna, m'huwiex ħlief l-għoti ta' l-istess ħidma li ngħatat lil dawn id-djakni tat-Testment il-Ġdid. Ix-xogħol prinċipali tad-djaknu huwa li jibni ħajtu u ħajjet ħaddieħor fuq il-Kelma ta' Alla, permezz tat-talb u tax-xandir tal-Vanġelu. Din il-laqgħa ma' Kristu permezz tal-Kelma twassal lid-djaknu biex jaqdi lill-isqof u lis-saċerdoti waqt is-sagrifiċċju tal-Quddiesa u jservi lill-membri tal-Knisja permezz ta' tqarbin, żjajjar lill-morda u qadi. Lid-djaknu jiġu mogħtija xi setgħat biex jeżerċitahom għall-qadi tal-Knisja: fost l-oħrajn jista' jżewweġ, jaqdi fil-Liturġija, imexxi funerali meta jkunu bla Quddiesa, jgħammed u wkoll ibierek.

Żgur li d-djaknu ma jistax iwettaq dan is-servizz kollu mingħajr l-akkumpanjament tat-talb tal-membri tal-Knisja. U għalhekk nixtieq nirringrazzja ħafna lill-membri kollha tal-Knisja f'Għawdex, b'mod speċjali lill-membri kollha tal-komunità Ġorġjana tagħna li offrew, u għadhom joffru, it-talb u t-tbatija tagħhom għalija u għal sħabi d-djakni l-oħra.

Nitlobkom biex tkomplu tiftakru fija tul din is-sena, speċjalment issa li spiċċajt il-formazzjoni tiegħi fis-Seminarju tagħna u qed nibda l-esperjenza ta' studju fl-Italja. Il-Mulej Ġesù u San Ġorġ ikunu magħkom ilkoll.

# *Il-Professur Guido de Marco (1931-2010)*



Nhar il-Ħamis 12 ta' Awwissu 2010, tard wara nofs in-nhar, ħalliena l-Prof. Guido de Marco li kien President tar-Repubblika ta' Malta bejn l-1999 u l-2004. Il-Professur de Marco, statista ta' valuri Kristjani profondi, kien ħabib kbir tal-komunità parrokkjali Ġorġjana u ammiratur ta' l-għożża partikulari fi ħdanha għal-liturġija u l-kultura. Hu wieżen bl-appoġġ u l-preżenza tiegħu inizjattivi kbar, bħalma ki is-Simposju Internazzjonali Ġorġjan fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju l-2003. Barra minn hekk, fuq xewqa tiegħu, kull sena tingħab fost għall-festa f'Lulju l-ikona ta' San Ġorġ mill-Kappella Russa t Palazz Presidenzjali ta' San Anton. Fuq kollox ngħożżu l-bosta dr li hu ġie fostna, anki wara li temm il-kariga tiegħu ta' Kap ta' l-Is Malti, u ħa sehem fil-liturġiji kbar fil-Bażilika Ġorġjana. Il-fune statali tiegħu sar it-Tnejn 16 ta' Awwissu 2010, fil-Konkatidral San Ġwann, il-Belt Valletta. Inħossuna fid-dmir nitolbu għal ruħu nagħtu l-kondoljanzi lill-familjari tiegħu.

## QUDDIESA GĦAT-TFAL U L-ADOLEXXENTI

fil-Bażilika ta' San Ġorġ

*Kull nhar ta' Ħadd fl-10.00am*

Ġenituri u wliedhom, katekisti u komunità jiċċelebraw flimkien Jum il-Mulej b'differenza